3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ proporzjon matul is-snin sakemm daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021 u s-sidien m'għandhomx rimedju ieħor sabiex ikollhom dritt għal-kera aktar ġusta, u jinħoloq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix il-valur tas-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà inkwistjoni wkoll ai termini tal-liġi;

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-liġi;

5. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 563/2023MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-14 ta' Novembru, 2025, fid-9.00 a.m.

following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Joseph Borg (272951M) et vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 15th November, 2023, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Appoint an architect to evaluate the property according to the free and unencumbered market and to carry out an examination of the rents during the whole period of the lease by Nazzareno Cassar k/a Reno (784448M) and Maria Rosaria k/a Lucy (053054M);

2. Declare and decide that in regard to the applicants the facts above mentioned and the operations of the Ordinance regulating the renewal of the Lease of the Building or rather the Kap.69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, with the operations of the Laws in force are giving an indefinite right of relocation to the respondents Nazzareno Cassar k/a Reno and Maria Rosaria, of White Lady, 93, Triq Santa Monika, Ħal Tarxien, and this in violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned inter alia in the First Article of the First Protocol of the European Convention, and thus for the reasons above exposed and those which shall result during the pleadings of this application, the applicants should be given all the remedies that this Honourable Court deems fit in the circumstances;

3. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation and damages suffered by the applicant as a consequence of the operations of the Head. 69 and Act X of 2009 of the Laws of Malta for not keeping a balance ratio during the years until the entry into force of Act XXIV of 2021 and the owners do not have another remedy to have a right to a fairer rent, and to create a balance between the rights of the owner and those of the tenants as the rent payable in terms of the vigorous laws does not reflect the market value nor the rental value of the property in question also in terms of law;

4. Liquidate the same compensation and damages as suffered by the applicants, also in terms of law;

5. Condemn the respondent State Advocate to pay the same amounts and damages liquidated in terms of law, with legal interest from the date of filing of the present application till the date of effective payment.

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 563/2023MH in the names mentioned above is postponed for hearing to the 14th November, 2025, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Theodora Cassar (297083M), 122, Flat 1, Triq Ġużi D' Amato, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent: Theodora Cassar (297083M), 122, Flat 1, Triq Ġużi D' Amato, Ħal Tarxien

Registry of the Superior Courts, today 6th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2808

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Ottubru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Hass Alan David Chapman (286631A) u Nadja Meyer (286632A).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-22 ta' Settembru, 2025, fl-ismijiet Mark Camilleri (177899M) vs Hass Ala David Chapman (286631A) et. Ir-rikorenti Mark Camilleri (177899M) talab illi l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex tinżamm milli tbigħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu jew tikkonferixxi xi dritt reali jew personali, jew taggrava b'ipoteka ġenerali jew speċjali, bi privileġġ jew servitù jew b'xi mod ieħor itaqqal: il-proprjetà bin-numru uffiċjali tlieta u sittin (63) ġja disgħa u sittin (69), bl-isem 'Esperanza' ġja 'Antoine', sitwata fi Triq is-Salib fin-Naxxar.

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament.

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Kreditu: €64,759.02 – erbgħa u sittin elf, seba' mija u disgħa u ħamsin ewro u żewġ ċenteżmi

Il-mandat ta' inibizzjoni numru 1493/202JVC jinsab differit għad-19 ta' Novembru, 2025, f'12.00 a.m.

Rikorrent: 47, Harbour Court, Flat 4, Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema

Notifika Intimat: 63, Esperanza, Triq is-Salib, In-Naxxar

Imħallef: Dott. Joanne Vella Cuschieri

Il-Qorti

By a decree of the Civil Court, First Hall, of the 21st October, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent HASS Alan David Chapman (286631A) and Nadja Meyer (286632A).

By means of an application for the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction filed in the First Hall Civil Court, on the 22nd September, 2025, in the names Mark Camilleri (177899M) vs Hass Ala David Chapman (286631A) et. The applicant Mark Camilleri (177899M) asked that the Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondents in order to be witheld from selling, alienating, transferring or disposing inter vivos both by onerous or gratuitous title or confer any real or personal right, or aggravate by a general or special hypothec, by privilege or servitude or in any other way burdensome: the property officially numbered sixty three (63), previously sixty nine (69), named 'Esperanza' previously 'Antoine', situated in Triq is-Salib, Naxxar.

That this warrant should be provisionally upheld.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

Credit: €64,759.02 – sixty four thousand, seven hundred and fifty nine euro and two cents

The Warrant of Prohibitory Injunction number 1493/202JVC has been postponed for hearing to the 19th November, 2025, at 12.30 a.m.

Applicant: 47, Harbour Court, Flat 4, Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema

Notify respondent: 63, Esperanza, Triq is-Salib, Naxxar

Judge: Dr Joanne Vella Cuschieri

The Court

Rat it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni

Tilqa' t-talba proviżorjament

Tordna notifika tiegħu lill-kontroparti bi żmien għaxart ijiem (10) għar-risposta jew sad-data tas-seduta liema tiġi l-ewwel.

Tappunta r-rikors għas-smigħ għal nhar id-19 ta' Novembru, 2025, f'12.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 6 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Saw the demand for the issuing of a warrant of prohibitory injunction

Provisionally upholds the request

Orders that he be notified to the respondent who has ten (10) days to file a reply or till the date of the sitting which comes first.

Appoints the application for hearing for 19th November, 2025, at 12.00 p.m.

Registry of the Civil Court, today 6th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2809

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Kummerċ), fis-17 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 42/2025ISB, fl-ismijiet PWC Advisory Services Malta Limited vs MTACC Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: PWC Advisory Services Malta Limited (C96143) vs MTACC Limited (C71976) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Kummerċ) fil-11 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà intimata MTACC Limited għandha titqies li ma tistax tħallas id-djun tagħha, inkluż il-passiv kontinġenti u prospettiv, u dan a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) u l-Artikolu 214(5)(b) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna x-xoljiment u stralċ konsegwenzjali tal-istess soċjetà intimata a tenur tal-Artikolu 214(2)(a) tal-Kapitlu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tagħti kull provvediment opportun sabiex jinħatar stralċjarju u jiġi kondotta l-istralċ konsegwenzjali skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 42/2025ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Novembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: MTACC Limited (C71976), 39, Centre Point, Triq Francis Zammit, San Ġiljan

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Commercial Section), on the 17th October, 2025, in the records of the Sworn application number 42/2025ISB, in the names PWC Advisory services Malta Limited vs MTACC Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: PWC Advisory services Malta Limited (C96143) vs MTACC Limited (C71976) filed in the Civil Court, First Hall (Commercial Section) on the 11th June, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the respondent company MTACC Limited is to be considered as unable to pay its debts, including contingent and prospective liabilities, and this in terms of Article 214 (2) (a) (ii) and Article 214 (5) (b) of Cap. 386 of the Laws of Malta;

2. Order the dissolution and consequential winding up of the same respondent company in terms of Article 214 (2) (a) of Cap. 386 of the Laws of Malta;

3. Give every opportune provision to appoint a liquidator and conduct the consequential winding up in accordance with the provisions of Cap. 386 of the Laws of Malta;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 42/2025ISB in the names mentioned above is postponed to 19th November, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: MTACC Limited (C71976), 39, Centre point, Triq Francis Zammit, St Julian's

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 6th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2810

ARB/C036/2019 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Kevin Pulis)
(l-Ispettur Jonathan Cassar)

Kontra

MICHAEL HEARN, ta' 40 sena, bin Gary George u Stephanie xebba Pace, imwieled f'Barking u Dagenham, fl-Ingilterra fl-24 ta' Ġunju, 1985, u residenti f'4, St Stephen Crt, Blk F, Fl. 3, Triq is-Snajja', L-Imsida, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 748518L u passaport Brittaniku bin-numru 537050200.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil MICHAEL HEARN sabiex iħallas lis-soċjetà Laferla Insurance Agency Ltd is-somma ta' ħames mija u ħdax-il ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€511.53), li tirrappreżenta mitejn u tnejn u ħamsin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€252.53) għall-polza tal-assigurazzjoni u mitejn u disgħa u ħamsin ewro (€259) għall-liċenzja tat-triq tal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 30 ta' Ottubru, 2025. Dan il-ħlas għandu jsir mill-kont bankarju miżmum f'ismu u reġistrat f'isem Michael Hearn, li jispiċċa bin-numru -9724 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Monica Vella, LLD), fil-15 ta' Ġunju, 2019, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Ġunju, 2019, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MICHAEL HEARN.

Illum 5 ta' Novembru, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C036/2019 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 30th October, 2025, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). In the case:

The Police
(Inspector Kevin Pulis)
(Inspector Jonathan Cassar)

Versus

MICHAEL HEARN, 40 years, son of Gary George and Stephanie née Pace, born in Barking and Dagenham, England on the 24th June, 1985, residing at 4, St Stephen Crt, Blk F, Fl. 3, Triq is-Snajja', Msida, and holder of a Maltese identity card bearing number 748518L and British passport bearing number 537050200.

The Court AUTHORISED MICHAEL HEARN to pay to Laferla Insurance Agency Ltd the sum of five hundred and eleven Euro and fifty-three cents (€511.53), representing two hundred and fifty-two euro and fifty-three cents (€252.53) for the insurance premium and two hundred and fifty-nine euro (€259) for the road license of the vehicle mentioned in the Court decree dated 30th October, 2025. Such payment shall be made from the bank account registered in the name of Michael Hearn, ending in -9724 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Monica Vella, LLD) on the 15th June, 2019, which was published in the Government Gazette on the 20th June, 2019, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MICHAEL HEARN.

Today 5th November, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joe Xuereb Investments Limited vs Mark Thorne, Rikors numru 460/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mark Thorne a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joe Xuereb Investments Limited (C30008) vs Mark Thorne (KI 0115187A) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fil-5 ta' Awwissu, 2025, ir-rikorrenti Joe Xuereb Investments Limited talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddeċiedi u jiddikjara li l-kirja hija maħlula bħala konsegwenza tan-nuqqas tal-intimat li jħallasha l-kera speċifikata fuq l-anness Dokument B, u dan wara li l-intimat baqa' inadempjenti għal perjodu ta' iktar minn 15-il jum minn meta ġie notifikat bl-ittra uffiċjali datata 3 ta' Marzu, 2025 (Dok. C);

3. Jiffissa terminu qasir u perentorju li fih l-intimat għandu jivvaka mill-fond Valley Views, Triq il-Baltiku, San Ġwann;

4. Jiddeċiedi u jiddikjara li l-intimat għandu jħallas lis-soċjetà esponenti s-somma kumplessiva ta' €47,524.82 rappreżentanti bilanċ ta' arretrati ta' kera dovuti sal-1 ta' Awwissu, 2025, u konsum ta' dawl u tal-ilma dovut minnu sas-16 ta' Mejju, 2025, kif fuq spjegat u kif riżultanti mir-rendikont hawn anness bħala Dok. B;

5. Jordna u jikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà esponenti s-somma fuq imsemmija ta' €47,524.82.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 978/2025 (Dok. C) u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qiegħed jiġi preżentat kontestwalment u bl-imgħax dekorribbli mit-3 ta' Marzu, 2025, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali hawn annesa bħala Dok. C, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrent: 76, Flat 8, The Strand, Tas-Sliema

Notifika intimat: Valley Views, Triq il-Baltiku, San Ġwann

Ir-rikors fl-ismijiet Joe Xuereb Investments Limited vs Mark Thorne, Rikors numru 250/2025JG jinsab differit għat-23 ta' Jannar, 2026, fin-12.30 p.m.

By means of a decree of the 8th October, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joe Xuereb Investments Limited vs Mark Thorne, Application number 250/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mark Thorne in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Joe Xuereb Investments Limited (C30008) vs Mark Thorne (ID 0115187A) filed before the Rent Regulation Board, on the 5th August, 2025, the applicant Joe Xuereb Investments Limited requested this Honourable Board to:

1. Decide the case without proceeding to trial in terms of Article 16A, of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Decide and declare that the lease is being terminated in consequence of the respondent's failure to pay to the applicant the rent specified on the attached Document B, and this after the respondent failed to pay for a period exceeding 15 days from when he was notified with the judicial letter dated 3rd March, 2025 (Doc. C);

3. Establish a short and peremptory time-frame within which the respondent is to vacate the property Valley Views, Triq il-Baltiku, San Ġwann;

4. Decide and declare that the respondent is to pay the applicant company the sum of €47,524.82 as explained above and as results form the stqtement attached hereto as Doc. B;

5. Order and condemn the respondent to pay the applicant the abovementioned sum of €47,524.82.

With costs, including those of the judicial letter number 978/2025 and the precautionary garnishee order which is being filed simultaneously with this case, and with interest to be calculated formt he 3rd March, 2025, which is the date of the filing of the judicial letter attached as Doc. C, against the respondent who is with effect from today requested to attend to reply to questions on oath.

Applicant: 76, Flat 8, The Strand, Tas-Sliema

Notification respondent: Valley Views, Triq il-Baltiku, San Ġwann

The application in the names Joe Xuereb Investments Limited vs Mark Thorne, Application number 250/2025JG has been postponed for hearing to the 23rd January, 2026, at 12.30 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2812

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Maria Theresa Camilleri et vs Alfred Gatt, Rikors numru 496/2024CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Alfred Gatt a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Maria Theresa Camilleri (KI 372343M), Carmel Micallef (KI 0447465M), Maria Christine Galea (KI 029063M) u Carmela Dimech (KI 0666541M) vs Alfred Gatt (KI 0472550M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-3 ta' Diċembru, 2024, ir-rikorrenti Maria Theresa Camilleri (KI 372343M), Carmel Micallef (KI 0447465M), Maria Christine Galea (KI 029063M) u Carmela Dimech (KI 0666541M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jawtorizza li tiġi tterminata l-kirja tal-fond mertu ta' din il-kawża ossija l-fond numru 6, Il-Bokka taċ-Ċarċara, limiti tal-Imġarr, Malta;

2. Jordna l-iżgumbrament tal-konvenut Alfred Gatt, mill-fond bin-numru 6, Il-Bokka taċ-Ċarċara, limiti tal-Imġarr, Malta, u dan fi żmien qasir u perentorju li jogħġbu jistabbilixxi dan l-Onorabbli Bord;

3. Jawtorizza lill-esponenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond bin-numru 6, Il-Bokka taċ-Ċarċara, limiti tal-Imġarr, Malta, u dan fiżmien qasir u perentorju li jogħġbu jistabbilixxi dan l-Onorabbli Bord.

Salv kull provvediment li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subbizzjoni u b'riserva għal kull azjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-liġi.

Notifika intimat: 6, Il-Bokka taċ-Ċarċara, limiti tal-Imġarr, Malta

Ir-rikors fl-ismijiet Maria Theresa Camilleri et vs Alfred Gatt, Rikors numru 496/2024CG, jinsab differit għas-27 ta' Novembru, 2025, fid-9.20 a.m.

By means of a decree of the 21st October, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Maria Theresa Camilleri et vs Alfred Gatt, Application number 496/2025CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alfred Gatt in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Maria Theresa Camilleri (ID 372343M), Carmel Micallef (ID 0447465M), Maria Christine Galea (ID 029063M) and Carmela Dimech (ID 0666541M) vs Alfred Gatt (ID 0472550M) filed before the Rent Regulation Board, on the 3rd December, 2024, the applicants Maria Theresa Camilleri (ID 372343M), Carmel Micallef (ID 0447465M), Maria Christine Galea (ID 029063M) and Carmela Dimech (ID 0666541M) requested this Honourable Board to:

1. Authorise the termination of the lease of the premises merit of this cause or rather the premises number 6, Il-Bokka taċ-Ċarċara, limits of Mġarr, Malta;

2. Order the eviction of the defendant Alfred Gatt, from the premises with number 6, Il-Bokka taċ-Ċarċara, limits of Mġarr, Malta and this within a short and peremptory time that this Honourable Board shall establish;

3. Authorise the applicants to take back possession of the premises with number 6, Il-Bokka taċ-Ċarċara, limits of Mġarr, Malta, and this within a short and peremptory time that this Honourable Board shall establish.

Saving any provision that this Honourable Board deems fit and opportune.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made, and saving any other action due to the applicants against the defendant according to law.

Notification respondent: 6, Il-Bokka taċ-Ċarċara, limits of Mġarr, Malta

The application in the names Maria Theresa Camilleri et vs Alfred Gatt, Application number 496/2024CG, has been postponed for hearing to the 27th November, 2025, at 9.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2813

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Ottubru 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Vincent Saliba et vs Margaret Spiteri, Rikors numru 74/2025CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Margaret Spiteri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Vinent Saliba (KI 0504441M), Josephine Saliba (KI 0099866M), Lawrence Saliba (KI 0600657M), Joseph Saliba (KI 0626461M), George Saliba (KI 0410563M), Mario John sive Marjohn Saliba (KI 0044878M), Rita Caruana (KI 0346160M), Lawrence Saliba (KI 0588658M), Salvino sive Sammy (KI 0503370M), Astrid Zahra (KI 0070277M), Lorraine Saliba (KI 0036469M), Lorna Curmi (KI 092967M), Mary Caruana (KI 0156071M) u Antonella Montefort (KI 486978M) vs Margaret Spiteri (KI 014248M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-13 ta' Marzu, 2025, ir-rikorrenti Vincent Saliba et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jagħti dawk l-ordnijiet li huma neċessarji sabiex jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata;

2. Jisma' lill-partijiet sommarjament u jagħti provvediment dwar il-kera li għandha titħallas fil-mori tal-kawża;

3. F'każ illi jirrizulta li l-intimata ma tissodisfax it-test tal-mezzi, ixolji l-kirja u jordna lill-intimata sabiex tivvaka fi żmien qasir u perentorju li ma jeċċedix sentejn u jirrilaxxja l-fond 16, Triq id-Duluri, Iż-Żejtun, battal u f'kundizzjoni tajba favur ir-rikorrenti;

4. F'każ illi jirriżulta li l-intimata tkun tissodisfa t-test tal-mezzi, jirrevedi l-kera tal-fond 16, Triq id-Duluri, Iż-Żejtun, b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2025, u sabiex jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda sabiex jirregolaw l-istess kera.

Rikorrenti: Saliba Bros, St Anthony Quarry, Wied iz-Ziju, Marsaskala

Notifika intimata: Margaret Spiteri, 16, Triq id-Duluri, Iż-Żejtun

Ir-rikors fl-ismijiet Vincent Saliba et vs Margaret Spiteri, Rikors numru 74/2025CG, jinsab differit għall-11 ta' Diċembru, 2025, fl-10.20 a.m.

By means of a decree of the 16th October 2025 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Vincent Saliba et vs Margaret Spiteri, Application number 74/2025CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Margaret Spiteri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Vincent Saliba (ID 0504441M), Josephine Saliba (ID 0099866M), Lawrence Saliba (ID 0600657M), Joseph Saliba (ID 0626461M), George Saliba (ID 0410563M), Mario John sive Marjohn Saliba (ID 0044878M), Rita Caruana (ID 0346160M), Lawrence Saliba (ID 0588658M), Salvino sive Sammy (ID 0503370M), Astrid Zahra (ID 0070277M), Lorraine Saliba (ID 0036469M), Lorna Curmi (ID 092967M), Mary Caruana (ID 0156071M) and Antonella Montefort (ID 486978M) vs Margaret Spiteri (ID 014248M) filed before the Rent Regulation Board, on the 13th March, 2025, the applicants Vincent Saliba et requested this Honourable Board to:

1. Give such orders as are necessary to carry out the means test of the respondent;

2. Hear the parties summarily and provide for the rent to be paid during the proceedings;

3. In case it results that the respondent does not satisfy the means test, dissolve the lease and order the respondent to vacate within a short and peremptory period which does not exceed two years and release the premises 16, Triq id-Duluri, Żejtun vacated and in good condition in favour of the applicants;

4. In case it results that the respondent satisfies the means test, revise the rent of the premises 16, Triq id-Duluri, Żejtun, with effect from the 1st January, 2025, and to establish new conditions to regulate the same lease.

Applicant: Saliba Bros, St Anthony Quarry, Wied iz-Ziju, Marsaskala

Notification respondent: Margaret Spiteri, 16, Triq id-Duluri, Żejtun

The application in the names Vincent Saliba et vs Margaret Spiteri, Application number 74/2025CG, has been postponed for hearing to the 11th December, 2025, at 10.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2814

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Settembru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Paul Gauci vs Mary Doris Zammit, Rikors numru 213/2025JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mary Doris Zammit a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Paul Gauci (KI 0396076M) vs Mary Doris Zammit (KI 0524846M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-26 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrenti Paul Gauci (KI 0396076M) talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jikkundanna lill-konvenuta sabiex tiżgombra mill-fond u ċoè mezzanin numru 74, Triq l-Assunta, Il-Marsa, stante li qed tokkupah mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u dan entro terminu qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss;

3. Jillikwida danni dovuti mill-konvenuta bħala kumpens sakemm il-fond numru 74 fi Triq l-Assunta, Il-Marsa, jitbattal;

4. Jikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati bħala kumpens sakemm il-fond numru 74 fi Triq l-Assunta, Il-Marsa jitbattal.

Bl-ispejjeż u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti kontra l-konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrent: 80, Triq l-Assunta, Il-Marsa

Notifika intimata: 74, Triq l-Assunta, Il-Marsa

Ir-rikors fl-ismijiet Paul Gauci vs Mary Doris Zammit, Rikors numru 213/2025JG, jinsab differit għat-28 ta' Novembru, 2025, fil-11.15 a.m.

By means of a decree of the 12th September, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Paul Gauci vs Mary Doris Zammit, Application number 213/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mary Doris Zammit in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Paul Gauci (ID 0396076M) vs Mary Doris Zammit (ID 0524846M) filed before the Rent Regulation Board, on the 26th June, 2025, the applicant Paul Gauci (ID 0396076M) requested this Honourable Board to:

1. Hear this cause without proceeding to trail in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Condemn the defendant to vacate the premises and namely the mezzanine number 74, Triq l-Assunta, Marsa, since she is occupying it without any valid title at law and this within a short and peremptory period which is fixed to her;

3. Liquidates damages due by the defendant as compensation until the premises number 74 in Triq l-Assunta, Marsa, is vacated;

4. Condemn the defendant to pay the damages so liquidated as compensation till the premises number 74 in Triq l-Assunta, Marsa is vacated.

With costs and saving any other action due to the applicants against the defendant from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: 80, Triq l-Assunta, Marsa

Notification respondent: 74, Triq l-Assunta, Marsa

The application in the names Paul Gauci vs Mary Doris Zammit, Application number 213/2025JG, has been postponed for hearing to the 28th November, 2025, at 11.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2815

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 397/2025AGV fl-ismijiet James Gatehouse vs Nicole Amelia Gatehouse, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Nicole Amelia Gatehouse a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet James Gatehouse (KI 0381134A) vs Nicole Amelia Gatehouse (KI 0381135A) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 397/2025AGV, ppreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-12 ta' Awwissu, 2025, ir-rikorrenti James Gatehouse (KI 0381134A) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-ħall taż-żwieg ikkuntrattat bejn James Gatehouse u Nicole Amelia Gatehouse fit-8 ta' Settembru, 2004, fir-Repubblika ta' Fiji.

Il-kawża fl-ismijiet James Gatehouse vs Nicole Amelia Gatehouse (Rikors numru 397/2025AGV) hija differita għall-1 ta' Diċembru, 2025, fid-9.00 a.m.

Esponenti: Mais 2, The Peak, Block A, Triq San Massimiljanu Kolbe, San Pawl il-Baħar

Notifika intimata: 2a, Seafront Court, Sqaq ix-Xatt, Numru 1, Tal-Pietà.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 7 ta' November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 29th October, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names James Gatehouse vs Nicole Amelia Gatehouse, Application number 397/2025AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Nicole Amelia Gatehouse in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application in the records of the sworn application number 397/2025AGV in the names James Gatehouse (ID 0381134A) vs Nicole Amelia Gatehouse (ID 0381135A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 12th August, 2025, the applicant James Gatehouse (ID 0381134A) requested this Honourable Court to:

1. Declare the divorce and/or the dissolution of the marriage contracted between James Gatehouse and Nicole Amelia Gatehouse in the Republic of Fiji on the 8th September, 2004.

The application in the names James Gatehouse vs Nicole Amelia Gatehouse, Application number 397/2025AGV, has been postponed for hearing to the 1st December 2025 at 9.00 a.m.

Applicant: Mais 2, The Peak, Block A, Triq San Massimiljanu Kolbe, St Paul's Bay

Notification repsondent: 2a, Seafront Court, Sqaq ix-Xatt, Numru 1, Tal-Pietà

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2816

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 63/2023AL fl-ismijiet Michael Bonnici pro et noe vs Kimberly Bianco, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kimberly Bianco a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ta' Michael Bonnici fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Michael Bonnici (KI 308097M) vs Kimberly Bianco (KI 0182894M) fl-atti tar-Rikors numru 63/2023AL, ppreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrenti Michael Bonnici talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of a decree of the 9th October, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Michael Bonnici vs Kimberly Bianco, Application number 63/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Kimberly Bianco in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application of Michael Bonnici in the records of the Application number 63/2023AL in the names Michael Bonnici (ID 308097M) pro et noe vs Kimberly Bianco (ID 0182894M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 8th July, 2025, the applicant Michael Bonnici requested this Honourable Court to:

1. Tvarja d-digriet tagħha preċedenti fir-rigward tal-aċċess tal-esponent, u tordna minflok illi l-esponent ikollu aċċess versu ibnu minuri mingħajr il-ħtieġa ta' superviżjoni kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa bejn il-5.00 p.m. u t-8.00 p.m. u fi tmiem il-ġimgħa nhar ta' Sibt mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. salv għal dawk il-provvedimenti kollha l-oħra illi din l-Onorabbli Qorti joġgħobha tagħti fiċ-ċirkostanzi;

2. Tordna illi, jekk it-tifel minuri jirreżisti illi jmur għall-aċċess minħabba l-influwenza ta' ommu, ir-residenza tat-tifel minuri, għandha tinbidel u tkun mal-missier sabiex il-ħsara li evidentament qiegħda ssir tieqaf minnufih u ma tkomplix tikber;

3. Tordna lill-intimata tattendi course tal-coparenting taħt piena ta' disprezz.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja) – l-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud. Rel. Mag. Jur (Eur. Law).

Rikors Ġuramentat numru 63/2023AL

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna notifika tal-istess lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 9 ta' Lulju, 2025

Rikorrent: 4, J&P Apartments, Flat 4, Triq San Martin, Sqaq numru 2, Ħaż-Żebbuġ (Malta)

Notifika: 23, Alley 2, Triq St Raphael, Ħal Qormi

Il-kawża fl-ismijiet Michael Bonnici vs Kimberly Bianco (Rikors numru 63/2023AL) hija differita għall-25 ta' Novembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Vary its previous decree regarding the access of the applicant, and order instead that the applicant has access towards his minor son without the need of supervision every Monday and Wednesday between 5.00 p.m. and 8.00 p.m. and at weekends on Saturday from 9.00 a.m. till 5.00 p.m. saving all those other provisions that this Honourable Court deems fit to give in the circumstances;

2. Order that, if the minor boy resists to go for access due to the influence of his mother, the residence of the minor boy, should be changed and be with the father so that the damage which is evidently being done stop immediately and stop growing.

3. Order the respondent to attend a course of coparenting under penalty of contempt.

Civil Court (Family Section) – the Honourable Madam Justice Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud. Rel. Mag. Jur (Eur. Law)

Sworn Application number 63/2023AL

The Court,

Having seen the application,

Order the notification to the respondent with a right of reply within five (5) working days.

Today 9th July, 2025

Applicant: 4, J&P Apartments, Flat 4, Triq San Martin, Sqaq nru 2, Ħaż-Żebbuġ (Malta)

Notification: Kimberly Bianco: 23, Alley 2, Triq St Raphael, Ħal Qormi

The application in the names Michael Bonnici vs Kimberly Bianco, Application number 63/2023AL, has been postponed for hearing to the 25th November, 2025, at 9.30 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2817

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni, Superjuri Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tal-Rikors Ġuramentat numru 84/2025 SG fl-ismijiet 'Alan Tabone et vs Stephen Farrugia et' ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta'

It is hereby notified that by virtue of a decree given on 9th of October, 2025, by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section in the acts of sworn application number 84/2025 SG in the names 'Alan Tabone et vs Stephen Farrugia et' the publication of an extract of the

estratt tal-istess avviż, kif riprodott hawn taħt, u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat George Borg bl-indirizz 107, Triq Għajn Qatet, Ir-Rabat, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors Ġuramentat numru 84/2025 SG fl-ismijiet: Alan Tabone et vs Stephen Farrugia et

Permess ta' dan l-avviż ir-rikorrenti Alan Tabone u Stephen Robinson ippremettew:

1. Illi l-esponenti huma komproprjetarji fi kwoti indiviżi u ugwali bejniethom tal-utili dominju temporanju għal mija u ħamsin (150) sena li bdew jiddekorru mill-ħamsa (5) ta' Novembru elf disa' mija u sitta u sittin (1966) tal-ogħla bejt u l-arja sovrastanti usque ad coelum formanti parti minn korp ta' bini attwalment konsistenti minn numru ta' garaxxijiet u appartamenti magħruf bħala 'Josmar Court', bla numru uffiċjali fi Triq il-Madonna tad-Duluri, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, u konfinanti mill-Punent mat-triq, min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmel Developments Limited u oħrajn, u mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' beni tal-Gvern ta' Malta;

2. Illi l-esponenti akkwistaw din il-proprjetà bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Gambin tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru elfejn u għoxrin (2020);

3. Illi dan il-blokk jikkomprendi l-appartament numru wieħed (1) appartenenti lill-konjuġi Dott. Mario u Emily Saliba, l-appartament numru tnejn (2) lill-intimati konjuġi Stephen u Josephine Farrugia, l-appartament numru tlieta (3) appartenenti lil Jean Paul Tabone, Mark Tabone, u Simone Monique Stilon, dak numru erbgħa (4) appartenenti lill-konjuġi Joseph u Miriam Muscat, in-numru ħamsa (5) appartenenti lill-konjuġi David u Fiorentina Cassar Parnis, u n-numru sitta (6) appartenenti lill-konjuġi Angelo u Antoinette Spiteri, kif ukoll erba' (4) garaxxijiet immarkati bl-ittri A, B, C u D, li minnhom il-garaxx A jappartjeni lill-konjuġi Dott. Mario u Emily Saliba, il-garaxx B jappartjeni lill-intimati konjuġi Farrugia, il-garaxx C jappartjeni lil George Vella u l-garaxx D jappartjeni lill-intimat George Borg;

4. Illi l-esponenti jridu jiżviluppaw l-arja proprjetà tagħhom billi jibnu żewġ sulari ta' appartamenti soprastanti dawk diġà eżistenti b'żewġ appartamenti kull sular, sular ieħor receded li jkun jikkomprendi appartament wieħed biss, u jestendu l-kaxxa tat-taraġ sa sular 'il fuq mill-ogħla sular ta' appartamenti, u, għall-finijiet ta' aċċessibbiltà aħjar għas-sidien tal-appartamenti kollha f'dan il-blokk, jistallaw u jikkummissjonaw lift li jipprovdi aċċess għas-sulari kollha;

same notice, as reproduced below, was ordered to serve as notification with respect the respondent George Borg with the address 107, Triq Għajn Qatet, Victoria, Gozo, and this is in terms of article 187 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Sworn Application number 84 /2025 SG in names: Alan Tabone et vs Stephen Farrugia et

By means of this notice the applicants Alan Tabone and Stephen Robinson submitted and confirmed that:

1. That the applicants are co-owners in undivided and equal shares between them of the temporary utile dominium for one hundred and fifty (150) years commencing from the fifth (5) of November one thousand nine hundred and sixty six (1966) of the uppermost roof and the overlying air usque ad coelum forming part of a body of buildings actually consisting of a number of garages and apartments known as 'Josmar Court', without official number in Triq il-Madonna tad-Duluri, Marsalforn limits of Żebbuġ, Gozo, and bordering on the west by the road, on the south by the property of Carmel Developments Limited and others, and on the north and east by the property of the Government of Malta;

2. That the applicants acquired this property by virtue of a contract in the acts of Notary John Gambin dated the twenty-third (23) of December two thousand and twenty (2020);

3. That this block comprises apartment number one (1) belonging to the spouses Dr Mario and Emily Saliba, apartment number two (2) to the respondents spouses Stephen and Josephine Farrugia, apartment number three (3) belonging to Jean Paul Tabone, Mark Tabone, and Simone Monique Stilon, that number four (4) belonging to the spouses Joseph and Miriam Muscat, number five (5) belonging to the spouses David and Fiorentina Cassar Parnis, and number six (6) belonging to the spouses Angelo and Antoinette Spiteri, as well as four (4) garages marked with the letters A, B, C and D, of which garage A belongs to the spouses Dr Mario and Emily Saliba, garage B belongs to the respondents spouses Farrugia, garage C belongs to George Vella and garage D belongs to the respondent George Borg;

4. That the applicants intend to develop their property by constructing two floors of apartments above the existing ones with two apartments per floor, another recessed floor comprising only one apartment, and extending the stairwell to one floor above the highest floor of apartments, and, for the purposes of better accessibility for all apartment owners in this block, installing and commissioning a lift providing access to all floors;

5. Illi l-iżvilupp propost mill-esponenti ġie approvat missidien tal-appartamenti u garaxxijiet kollha formanti parti minn dan il-blokk, bl-eċċezzjoni tat-tliet intimati, u infatti ġie ffirmat kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-sitta (6) ta' Diċembru elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) li bih dawk il-proprjetarji l-oħra kollha fformalizzaw il-kunsens tagħhom u stabbilixxew il-modalitajiet li għandhom jirregolaw dan l-iżvilupp;

6. Illi minkejja l-isforzi kollha tal-esponenti, u minkejja li l-esponenti taw il-garanziji kollha li, b'mod partikolari l-konjuġi Farrugia talbu mingħandhom, kemm dwar is-soliditá tal-bini u l-kapaċità tiegħu li jerfa' s-sulari addizzjonali kif ukoll dwar materji oħra li jikkonċernaw il-blokk, l-intimati baqgħu qatt ma taw il-kunsens tagħhom sabiex isir dan l-iżvilupp;

7. Illi wara li deher ċar li l-intimati mhux se jagħtu l-kunsens tagħhom għal dawn ix-xogħlijiet, inżammet laqgħa straordinarja tas-sidien ta' appartamenti fil-blokk, li għaliha ġew mistiedna jattendu wkoll l-intimati. F'din il-laqgħa, li nżammet fiżikament u virtwalment fil-ħdax (11) ta' Awwissu, 2025, is-sidien tal-maġġoranza tal-unitajiet b'iktar minn żewġ terzi approvaw ix-xogħlijiet u awtorizzaw lill-esponenti li jaġixxu bi proċeduri ġudizzjarji kontra l-intimati, li baqgħu ma attendewx għal dik il-laqgħa u għalhekk anke r-rekwiżit stabbilit fl-artikolu 22 ta' dik il-liġi jinsab soddisfatt;

8. Illi l-esponenti jemmnu li x-xogħlijiet li huma jixtiequ jagħmlu fil-partijiet komuni tal-blokk għandhom id-dritt jagħmluhom fit-termini tal-artikoli tmienja u disgħa (8 u 9) tal-Liġi dwar il-Condominia, u ġaladarba dawk ix-xogħlijiet ġew approvati b'maġġoranza huma intitolati li jwettqu dawn l-alterazzjonijiet, mentri d-dritt tagħhom li jibnu s-sulari addizzjonali jemani mid-dritt ta' proprjetà tagħhom;

9. Illi fis-sustanza, ix-xogħlijiet li l-esponenti jixtiequ jagħmlu fil-partijiet komuni, reżi neċessarji sabiex ikun jista' jiġi stallat lift li jservi l-unitajiet kollha fil-blokk, u li ġew approvati b'maġġoranza ta' iktar minn żewġ terzi tal-kondomini huma s-segwenti:

a) demolizzjoni tat-taraġ eżistenti u rikostruzzjoni tiegħu b'inqas wisa' sabiex ikunu jistgħu jiġu stallati lift u l-aċċessorji tiegħu kollha skont il-pjanti annessi mal-kuntratt tas-6 ta' Diċembru, 2024,

b) provvista ta' aċċess permezz ta' bokkaport għal fuq l-ogħla bejt il-ġdid tal-blokk sabiex b'hekk ikun żgurat aċċess għas-servizzi li għandhom jiġu stallati fuq dak il-bejt,

c) it-tneħħija tat-tankijiet ta' ilma u s-servizzi l-oħra li hemm fuq il-bejt eżistenti u traslokar tagħhom għal fuq l-ogħla bejt ġdid,

5. That the development proposed by the applicants was approved by the owners of all the apartments and garages forming part of this block, with the exception of the three respondents, and in fact a contract was signed in the acts of Notary Kristen Dimech of the sixth (6) of December two thousand and twenty-four (2024) by which all those other owners formalized their consent and established the modalities that should regulate this development;

6. That despite all the efforts of the applicants, and despite the applicants giving all the guarantees that, in particular the spouses Farrugia requested from them, both regarding the solidity of the building and its capacity to support the additional floors as well as regarding other matters concerning the block, the respondents still never gave their consent for this development to take place;

7. That after it became clear that the respondents would not consent to these works, an extraordinary meeting of the apartment owners in the block was held, to which the respondents were also invited to attend. At this meeting, which was held physically and virtually on the eleventh (11) of August, 2025, the owners of the majority of the units by more than two thirds approved the works and authorised the applicants to act with judicial proceedings against the respondents, who failed to attend that meeting and therefore the requirement established in article 22 of that law is also satisfied;

8. That the applicants believe that the works they wish to carry out in the common parts of the block are within their rights under articles eight and nine (8 and 9) of the Condominium Law, and once those works have been approved by a majority they are entitled to carry out these alterations, while their right to build additional floors emanates from their property rights;

9. That in substance, the works that the applicants wish to carry out in the common parts, which are necessary in order to be able to install a lift serving all the units in the block, and which have been approved by a majority of more than two-thirds of the condominiums are the following:

a) demolition of the existing staircase and its reconstruction with a smaller width in order to be able to install a lift and all its accessories in accordance with the plans annexed to the contract of 6th December, 2024,

b) provision of access via a hatch to the highest new roof of the block in order to ensure access to the services that have to be installed on that roof,

c) the removal of water tanks and other services on the existing roof and their relocation to the new higher roof,

d) il-provvista, stallazzjoni u commissioning ta' lift li jġorr sa massimu ta' sebgħa (7) persuni li jservi s-sulari kollha ta' appartamenti fil-blokk – liema lift għandu jkun 'silent',

e) l-estensjoni tal-partijiet komuni tal-blokk sabiex dawn jipprovdu aċċess għas-sulari ġodda,

f) it-traslokar tal-meters tal-ilma u elettriku għal parti oħra mill-partijiet komuni fil-livell tal-pjan terran,

g) xogħlijiet ta' miljorament tal-partijiet komuni, inkluż stallazzjoni ta' intercom għall-appartamenti kollha, tikħil u tibjid tal-kaxxa tat-taraġ, kisi mill-ġdid tat-taraġ, l-indani tat-taraġ, u l-entrata, sostituzzjoni tal-bieb ta' barra u tal-poġġaman, stallazzjoni ta' meter tal-elettriku li jikkontrolla l-konsum fil-partijiet komuni; u stallazzjoni ta' security door ġdid,

h) tikħil u tibjid tal-ħitan interni u esterni tal-blokk,

i) xogħlijiet fuq is-sistema tad-drenaġġ u tal-ilma taxxita, inkluż jekk meħtieġ, is-sostituzzjoni tal-katusi kollha u traslokar tagħhom għal post ieħor;

10. Illi madankollu, filwaqt li l-intimat Borg injora kompletament kull tentattiv ta' komunikazzjoni miegħu, l-intimati Farrugia insinwaw f'diversi okkażjonijiet li jekk l-esponenti jibdew bix-xogħlijiet huma se jieħdu passi ġudizzjarji kontra tagħhom, u għalhekk l-esponenti jixtiequ li jkollhom deċiżjoni ta' qorti kompetenti li tkun finali u vinkolanti fuq il-partijiet dwar jekk huma għandhomx id-dritt li jwettqu x-xogħlijiet ta' alterazzjonijiet fil-partijiet komuni tal-blokk, u żvilupp konsistenti minn sulari addizzjonali fuq il-blokk de quo, u l-modalitajiet li taħthom għandhom isiru dawn ix-xogħlijiet;

11. Illi għalkemm fil-konfront tas-sidien tal-appartamenti l-oħra fil-blokk, l-esponenti intrabtu li jagħmlu dawn ix-xogħlijiet kollha a spejjeż tagħhom, ġaladarba l-intimati qegħdin jirrifjutaw li jsiru x-xogħlijiet elenkati fil-paragrafu disgħa (9) hawn fuq, u lanqas ma jridu jħallu lill-esponenti jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jibnu fuq l-arja proprjetà tagħhom, huma ma humiex lesti li jagħtu tali konċessjoni lill-intimati u minflok, fir-relazzjonijiet bejn l-intimati jew min minnhom u l-esponenti, l-ispartizzjoni tal-ispejjeż ta' miljorament tal-partijiet komuni għandhom jiġu regolati bl-artikolu 9 tal-Kap. 398;

Għidu għalhekk intom konvenuti għaliex ma għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li fit-termini tal-artikoli 8 u 9 tal-Att dwar il-Condominium, Kap. 398 tal-Liġijiet ta' Malta, l-atturi għandhom id-dritt li jwettqu x-xogħlijiet elenkati fil-paragrafu disgħa (9) ta' dan ir-rikors ġuramentat;

d) the supply, installation and commissioning of a lift carrying up to seven (7) persons to serve all floors of apartments in the block – which lift shall be 'silent',

e) the extension of the common parts of the block to provide access to the new floors,

f) the relocation of the water and electricity meters to another part of the common parts at ground floor level,

g) improvement works to the common parts, including the installation of an intercom for all apartments, plastering and painting of the stairwell, re-covering of the stairs, landings and entrance, replacement of the front door and handrail, installation of an electricity meter to control consumption in the common parts; and installation of a new security door,

h) plastering and painting of the internal and external walls of the block,

i) works on the system of the sewerage and rainwater, including if necessary, the replacement of all the pipes and their relocation to another location;

10. That however, while the respondent Borg has completely ignored all attempts to communicate with him, the respondents Farrugia have insinuated on several occasions that if the applicants commence with the works they will take judicial steps against them, and therefore the applicants wish to have a decision of a competent court that is final and binding on the parties as to whether they have the right to carry out the works of alterations in the common parts of the block, and a consistent development of additional floors on the block de quo, and the modalities under which these works should be carried out;

11. That although in relation to the owners of the other apartments in the block, the applicants have undertaken to carry out all these works at their own expense, since the respondents are refusing to carry out the works listed in paragraph nine (9) above, nor do they want to allow the applicants to exercise their right to build on the area owned by them, they are not prepared to grant such concession to the respondents and instead, in the relations between the respondents or any of them and the applicants, the apportionment of the costs of improvement of the common parts should be regulated by article 9 of Cap. 398;

Therefore, you defendants are requested to declare why this Court should not:

1. Declare that in terms of articles 8 and 9 of the Condominium Act, Cap. 398 of the Laws of Malta, the plaintiffs have the right to carry out the works listed in paragraph nine (9) of this sworn application;

2. Tiddikjara wkoll li l-atturi għandhom id-dritt jiżviluppaw l-arja proprjetà billi jibnu sulari oħra fuq dawk eżistenti;

3. Konsegwentement tawtorizza lill-atturi jwettqu dawn ix-xogħlijiet fil-partijiet komuni, u żvilupp ulterjuri, taħt is-superviżjoni tal-Perit Anna Maria Attard Montalto li hija l-perit afdata mill-atturi bid-disinn u superviżjoni tal-proġett;

4. Tiddikjara li d-dritt ta' użu u l-obbligu ta' kontribuzzjoni għall-ispejjeż relattivi daparti tal-intimati konjuġi Farrugia fix-xogħlijiet kollha ta' miljorament tal-partijiet komuni għandhom ikunu regolati bl-artikolu 9 tal-Kap. 398.

Bl-ispejjeż kollha kontra tagħkom jew min minnkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Dan ir-rikors ġuramentat huwa differit għan-notifika u għall-preżentata tar-risposti ġuramentati għas-seduta tal-11 ta' Diċembru, 2025, fil-11.00 a.m., fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

2. Declare also that the plaintiffs have the right to develop the area owned by them by constructing additional floors on the existing ones;

3. Consequently authorise the plaintiffs to carry out these works in the common parts, and further development, under the supervision of Architect Anna Maria Attard Montalto who is the architect entrusted by the plaintiffs with the design and supervision of the project;

4. Declare that the right of use and the obligation to contribute to the relative costs on the part of the respondents spouses Farrugia in all works of improvement of the common parts shall be regulated by article 9 of Cap. 398.

With all costs against you or any of you.

The defendants are hereinafter summoned for the reference to their oath.

This sworn application is adjourned for notification and for the filing of sworn replies for the sitting of the 11th of December 2025 at 11.00 a.m. at the Gozo Court building, Cathedral Square, Victoria, Gozo.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2818

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tal-protest numru 262/2024, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Rebecca Abdilla Koivisto, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront ta' Rebecca Abdilla Koivisto.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 15 ta' Lulju, 2024

Bank of Valletta plc (C2833)

vs

Rebecca Abdilla Koivisto (KI 442290M)

Protest ġudizzjarju tas-soċjetà Bank of Valletta plc (C2833).

Tesponi bir-rispett:

Illi s-soċjetà protestanti hija s-sid tal-fond numru 220, Triq it-Torri, Tas-Sliema magħruf bħala Sea Cliff Bar and

By means of a decree of the 7th October, 2025, in the records of the protest number 262/2024, in the names Bank of Valletta plc vs Rebecca Abdilla Koivisto, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on Rebecca Abdilla Koivisto.

In the First Hall of the Civil Court

Today 15th July, 2024

Bank of Valletta plc (C2833)

vs

Rebecca Abdilla Koivisto (ID 442290M)

Judicial Protest of Bank of Valletta plc (ID 2833)

Requests with respect:

That the applicant company is the owner of the premises number 220, Triq it-Torri, Tas-Sliema, known as Sea Cliff

Restaurant, liema fond jinkludi bitħa retroposta u f'liema bitħa proprjetà tas-soċjetà protestanti;

Illi l-protestata Rebecca Abdilla Koivisto fetħet tieqa (kif tidher aħjar fil-pjanta hawn annessa u markiata bħala Dok. A u fir-ritratt hawn anness u markat Dok. B) mill-fond tagħha 219, Triq it-Torri, Tas-Sliema, għal fuq il-bitħa proprjetà tal-protestanti b'mod abbużiv illegali u mingħajr ebda kunsens tal-istess protestanti;

Illi s-soċjetà protestanti qed tinterpella lill-protestata sabiex fi żmien jumejn hija tagħlaq l-imsemmija tieqa u ġeneralment tirripristina l-bitħa fl-istat li kienet qabel ma l-protestata vjolentement u abbużivament fetħet tali apertura ossija tieqa. Fin-nuqqas il-protestanti se tipproċedi kontra l-protestata mingħajr ebda avviż ieħor u dan sabiex tneħħi l-vjolazzjonijiet mill-proprjetà tagħha fuq imsemmija a spejjeż tal-istess protestata;

Illi din l-interpellanza qed issir mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi dritt ieħor spettanti lill-protestanti u dan, partikolament imma mhux esklussivament, għad-danni inġenti li se ssofri l-protestanti fit-twaqqif tax-xogħol tagħha biex tutilizza l-fond. Il-protestata qed tiġi mwissija minn issa illi l-volum ta' dawn id-danni ma huwiex inġenti.

Għaldaqstant, il-protestanti, filwaqt li ġġib il-premess a formali konjizzjoni tal-protestata, tinterpellaha sabiex minnufih tagħlaq it-tieqa li fetħet b'mod abbużiv, illegali u mingħajr ebda kunsens tal-istess protestanti mill-fond tagħha f'219, Triq it-Torri, Tas-Sliema, għal fuq il-bitħa tal-protestanti fil-fond 220, Triq it-Torri, Tas-Sliema, u tirriprestina l-bitħa tal-esponenti għall-istatus quo ante, iżżomm lill-istess protestata responsabbli għad-danni kollha li qed issofri u se tibqa' ssofri l-protestanti sakemm l-istess protestata tagħlaq l-imsemmija tieqa u tpoġġi lill-istess protesta in dolo culpa u mora għall-finijet u effetti kollha tal-liġi.

Protestanti: Bank of Valletta, 1/5, Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta

Protestata: Rebecca Abdilla Koivisto, 2, Triq Mons. Luigi Farrugia, Pembroke, u/jew 218, The Cliff, Flat 7, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Bar and Restaurant, which premises includes a backyard and which yard is the property of the protesting company;

That the respondent Rebecca Abdilla Koivisto opened a window (as better shown in the plan hereby attached and marked as Doc. A and in the photo hereby attached and marked Doc. B) from her premises 219, Triq it-Torri, Tas-Sliema, onto the yard property of the applicant parties in an abusive illegal manner and without the consent of the same applicants;

That the applicant company is calling upon the respondent so that within two days she closes the said window and generally restores the yard in the state it was before the respondent violently and abusively opened such aperture or rather window. In default the applicants shall proceed against the respondent without any other notice and this in order to remove the breaches from her property above mentioned at the expense of the same respondent;

That this solicitation is being made without prejudice to any other right due to the applicants and this, in particular but not exclusively, for the significant damages that the applicants shall suffer in stopping their work in order to use the premises. The respondent is being warned from now that the volume of these damages is not substantial.

Thus the applicants, whilst bringing the premised to the formal notice of the respondent, solicits her so that immediately she closes the window which she opened abusively, illegally and without any consent of the same applicants from her premises at 219, Triq it-Torri, Tas-Sliema, onto the courtyard of the applicants at the premises 220, Triq it-Torri, Tas-Sliema, and restores the courtyard of the applicants to the status quo ante, hold the same respondent responsible for all the damages it is suffering and will continue to suffer until the same respondent closes the said window and puts the same respondent on formal notice for all intents and purposes of law.

Applicant: Bank of Valletta, 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta

respondent – Rebecca Abdilla Koivisto – 2, Triq Mons Luigi Farrugia, Pembroke u/jew 218, The Cliff, Flat 7, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2819

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Sebastian Jaz Fenech (KI 156098M) ippreżenta rikors ġuramentat (numru 1035/2025JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Reġistru Pubbliku numru 1560/1998 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 7 ta' Novembru, 2025

CORA CATANIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Sebastian Jaz Fenech (ID 156098M) filed an application under oath (number 1035/2025JVC) demanding the correction of the Act of Public Registry number 1560/1998 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 7th of November, 2025

CORA CATANIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2820

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2025, fuq talba ta' InvestInvent Funds SICAV-SIF ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti CI Fund Services AG fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3992/2025 fl-ismijiet InvestInvent Funds SICAV-SIF vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-5 ta' Settembru, 2025, ta' InvestInvent Funds SICAV-SIF, reġistrat fil-Lussemburgu bin-numru ta' reġistrazzjoni B254909 u bl-uffiċċju reġistrat f'33A, Avenue J. F. Kennedy, L-1855 Lussemburgu (il-'Fond'), vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti CI Fund Services AG, Austrasse 15, 9490, Vaduz, Furstenhtum, Liechtenstein, tirreferi għall-Ftehim tal-Amministrazzjoni tal-Fond konkluż bejnkom, bħala Ahead Wealth Solutions AG (l-'Amministratur'), u l-Fond fir-rigward ta' InvestInvent Wind Energy Fund (is-'Sotto-Fond') fit-18 ta' Jannar, 2017, (il-'Ftehim tal-Amministrazzjoni').

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 22nd September, 2025, following a request by InvestInvent Funds SICAV-SIF it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee CI Fund Services AG in the acts of the judicial letter number 3992/2025 in the names InvestInvent Funds SICAV-SIF vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 5th September, 2025, by InvestInvent Funds SICAV-SIF, registered in Luxembourg, with registration number B254909 and with registered office in 33A, Avenue J.F., Kennedy, L-1855 Luxembourg (the premises) vs Deputy Curators to represent the absent CI Fund services AG, Austrasse 15, 9490, Vaduz, Furstentum, Liechtenstein, refers to the Fund Administration Agreement concluded between you, as Ahead Wealth Solutions AG (the 'Administrator'), and the Fund in respect of InvestInvent Wind Energy Fund (the 'Sub-Fund') on 18th January, 2017, (the 'Administration Agreement').

Illi l-mittenti tirreferi għall-ittra tagħkom datata 2 ta' Lulju, 2025, skont liema intom kategorikament tiċħdu l-pretensjonijiet tal-attur dwar imġiba ħażina, negliġenza, u traskuraġni ta' dmirijietkom li joħorġu permezz tal-Ftehim tal-Amministrazzjoni (l-'Ittra Risponsiva'). Permezz ta' din l-ittra uffiċjali, u bħala risposta għall-Ittra Risponsiva tagħkom, il-Fond jistabbilixxi l-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward tad-diversi ksur tal-obbligi u dmirjiet kemm taħt il-Ftehim tal-Amministrazzjoni min-naħa tal-Amministratur kif ukoll dawk li jirriżultaw mil-liġi, filwaqt li jsejħilkom sabiex tħallsu l-ispejjeż tar-rimedjazzjoni mġarrba mill-Fond bħala riżultat dirett tal-imġiba ħażina u negliġenza tagħkom, ksur tal-istandard of care li kellu jingħata lill-attur, kif ukoll it-traskuraġni ta' dmirijietkom u l-obbligi kuntrattwali tal-imsemmi Ftehim tal-Amministrazzjoni.

Ai termini tal-Klawsola 2 tal-Ftehim tal-Amministrazzjoni, l-Amministratur kien inter alia responsabbli biex iwettaq id-dmirijiet amministrattivi neċessarji u xierqa relatati mal-operazzjonijiet tal-Fond. Dawn jinkludu:

(i) Iħallas mill-assi tal-Fond il-pagamenti tad-Diretturi u l-ispejjeż tal-uffiċjali, spejjeż legali u tal-kontabbiltà, liċenzja tal-Gvern, spejjeż tal-filing, u kwalunkwe spejjeż oħra mġarrba għall-kont tal-Fond;

(ii) Jipprepara u jżomm il-kotba u r-rekords finanzjarji u tal-kontabbiltà kollha skont il-prassi fil-forma addattata u b'dettall suffiċjenti sabiex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni xierqa tal-Fond u l-awditjar indipendenti u annwali minn awditur;

(iii) Iżomm ir-records u l-kontijiet tal-Fond b'mod li l-kumpanija tkun tista' tippubblika d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u rapporti oħra skont kif meħtieġa bil-liġi;

(iv) Jistabbilixxi u jżomm reġistru preċiż tad-detenturi tal-azzjonijiet fis-Sotto-fond, skont id-dispożizzjonijiet statutorji li huma bħalissa in vigore, u skont il-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni u d-dokumenti tal-offerta tal-Fond (ir-'Reġistri');

(v) Iwettaq il-ħruġ, it-trasferiment, l-għoti, il-bdil, il-fidi u/jew ix-xiri tal-azzjonijiet skont il-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni u d-dokumenti tal-offerta tal-Fond, u jniżżel fir-Reġistri kull ħruġ u għotja oriġinali tal-azzjonijiet u kull trasferiment, bdil, fidi u/jew xiri ta' azzjonijiet, u jipprepara kull elenku ta' azzjonisti u jipprovdi kull informazzjoni relatata magħhom skont kif jeħtieġu d-diretturi tal-Fond minn ħin għal ħin; u

(vi) Jikkalkula u jippubblika l-Valur tal-Attiv Nett ('VAN') jew bl-Ingliż Net Asset Value (NAV) tal-azzjonijiet u jikkalkula l-prezz tas-sottoskrizzjoni u l-fidi ta' kull azzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni u d-dokumenti tal-offerta tal-Fond;

The applicant refers to your letter dated 2nd July, 2025, by means of which you categorically rejected the plaintiff's claims regarding misconduct, negligence, and carelessness of your duties as they result in the Administration Agreement (the 'reply letter'). By means of this judicial letter, and in response to your reply letter, the Fund sets out its claims in respect of the various breaches of obligations and duties under both the Administration Agreement on the part of the Administrator and those arising at law, soliciting you to pay the remediation costs incurred by the Fund as a direct result of your misconduct and negligence, the breach of the standard of care which you had towards the plaintiff, as well as the negligence of your duties and the contractual obligations of the said Administration Agreement.

In terms of Clause 2 of the Administration Agreement, the Administrator was, amongst others, responsible for carrying out the necessary and appropriate administrative duties related to the operations of the Fund. These include:

(i) pay out of the Fund's assets the Directors' payments and officials' expenses, legal and accounting expenses, government licence, filing expenses, and any other expenses incurred for the Fund's account;

(ii) prepare and maintain all financial and accounting books and records in accordance with the practice in an appropriate form and in sufficient detail to facilitate the proper management of the Fund and the independent and annual audit by an auditor;

(iii) keep the records and accounts of the Fund in such a way that the company may publish the annual financial statements and other reports as required by law;

(iv) establish and maintain an accurate register of the shareholders in the Sub-fund, in accordance with the statutory provisions currently in force, and in accordance with the Memorandum and Articles of Association and the Fund's offer document (the 'registers');

(v) carry out the issue, transfer, allotment, exchange, redemption and/or purchase of shares in accordance with the Memorandum and Articles of Association and the offer documents of the Fund, and record in the registers any original issue and allotment of shares and any transfer, exchange, redemption and/or purchase of shares, and prepare any list of shareholders and provide any information related thereto as the directors of the Fund may require from time to time; and

(vi) calculate and publish the net asset value ('NAV') or in English Net asset value (NAV) of the shares and calculate the subscription and redemption price of each share in accordance with the provisions of the Memorandum and Articles of Association and the Fund's offer documents;

(vii) Jikkalkula u jirranġa għall-ħlasijiet mill-assi tal-Fond tal-ispejjeż skont l-Istatut jew d-Dokument tal-Offerta;

Fl-1 ta' Ġunju, 2021, il-Fond ġie rrilokat minn Malta għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu. Fil-preparazzjoni u waqt il-proċess ta' migrazzjoni kif ukoll sussegwentement, ġew identifikati diversi inkonsistenzi, fuq medda ta' klassijiet ta' azzjonijiet, fir-Reġistri sad-data tal-31 ta' Mejju, 2021, ipprovduti mingħand l-Amministratur. Minn dakinhar 'il hawn, il-Fond analizza u rreveda r-Reġistri miżmuma mill-Amministratur mill-31 ta' Marzu, 2019 sal-31 ta' Marzu, 2021 (il-'Perjodu Rilevanti') u identifika numru ta' nuqqasijiet sinifikanti li ostakolaw lill-Fond milli jirrikonċilja r-reġistri tiegħu u jippubblika d-dikjarazzjonijiet finanzjarji, li b'hekk wasslu għas-sospensjoni tal-Fond sakemm dawn in-nuqqasijiet sinifikanti jiġu kkoreġuti. F'dan ir-rigward, il-Fond qabbad fornituri tas-servizz sabiex janalizzaw fid-dettall tat-tqabbil fil-pożizzjonijiet tat-tmiem u tal-ftuħ tal-valur tal-assi, tqabbil tar-Reġistri waqt il-Perjodu Rilevanti u r-rikonċiljazzjonijiet bejn reġistri u rapporti annwali awditjati preċedenti. Għadd ta' żbalji nstabu, inter alia:

i. diskrepanzi li jirriżultaw mill-aġġustamenti manwali fir-Reġistri mill-Amministratur;

ii. tniżżil żbaljat ta' għadd ta' sottoskrizzjonijiet taħt in-nominee żbaljat. Pereżempju, fost ħafna, hemm sottoskrizzjoni rikjesta minn Clearstream għal €188,000 li ġiet imniżżla minflok taħt Citibank;

iii. sottoskrizzjonijiet imniżżlin fil-fajl il-ħażin tal-Reġistru. Ġie skopert iżjed tard illi numru ta' sottoskrizzjonijiet ma ġewx imniżżla fil-fajl 1 (verżjonijiet qodma tar-reġistri) u wara kkoreġuti biex jidhru f'fajl 2;

iv. tranżazzjonijiet oħra (sottoskrizzjonijiet/fidi/trasferimenti) kienu qed jitniżżlu fir-Reġistri tard (tipikament xi xahar wara). Pereżempju, sottoskrizzjonijiet minn Lulju tal-2019 ma ġewx imniżżla fil-31 ta' Marzu, 2021, u ma kinux aġġustati qabel l-aħħar ta' Diċembru tal-2022 meta ġew ipprovduti r-Reġistri ta' April, Mejju, u Ġunju 2021;

v. tranżazzjonijiet kienu qed jitniżżlu fir-records tal-kontijiet tal-Fond iżda ma kinux qed jitniżżlu fir-Reġistri u viċe versa. Pereżempju, meta kienet qed issir analiżi tar-rikonċiljazzjonijiet bejn reġistri u rapporti annwali awditjati għall-31 ta' Marzu, 2019, instab illi diversi sottoskrizzjonijiet kienu neqsin mir-rekord tal-kontijiet għar-Reġistru tal-31 ta' Marzu, 2019, u kellu jitranġa iktar tard sabiex jiġi rrikonċiljat mar-rekord tal-kontijiet;

vi. differenzi ta' VAN bejn ir-Reġistri u r-rapport annwali. Pereżempju, meta kienet qed issir analiżi ta' rikonċiljazzjoni bejn ir-reġistri u r-rapporti annwali awditjati għall-31 ta' Marzu, 2019, ħareġ illi ġie mniżżel VAN żbaljat

(vii) calculate and arrange for payments from the assets of the cost Fund in accordance with the Statute or offer document;

On 1st June, 2021, the Fund was relocated from Malta to the Grand Duchy of Luxembourg. In the preparation and during the migration process as well as subsequently, several inconsistencies were identified, across classes of shares, in the registers up to 31st May, 2021, provided by the Administrator. Since then, the Fund has reviewed and revised the registers maintained by the Administrator from 31st March, 2019 to 31st March, 2021 (the 'relevant period') and identified a number of significant deficiencies that prevented the Fund from reconciling its registers and publishing the financial statements, thus leading to the suspension of the Fund until these significant deficiencies are corrected. In this respect, the Fund has engaged service providers to analyse in detail the comparison in the concluding and opening positions of the asset value, a comparison of the registers during the relevant period and the reconciliations between registers and previous audited annual reports. A number of errors were found, inter alia:

i. discrepancies resulting from manual register adjustments by the Administrator;

ii. incorrect entry of a number of subscriptions under the incorrect nominee. For example, amongst many, there is a subscription requested by Clearstream for €188,000 which was downloaded instead under Citibank;

iii. subscriptions entered in the wrong Register file. It was later discovered that a number of subscriptions were not entered in file 1 (old versions of the registers) and subsequently corrected to appear in file 2;

iv. other transactions (subscriptions/redemptions/transfers) were recorded late (typically some months later). For example, subscriptions from July 2019 were not listed on 31st March, 2021, and were not adjusted until the end of December 2022 when the registers of April, May, and June 2021 were provided;

v. transactions were recorded in the Fund's accounting records but were not recorded in the registers and vice versa. For example, when analysing reconciliations between audited records and annual reports as at 31st March, 2019, it resulted that several subscriptions were missing from the accounting record for the Registry as at 31st March, 2019, and had to be corrected later in order to reconcile them with the accounting record;

vi. NAV differences between registers and annual report. For example, when performing a reconciliation analysis between the registers and the audited annual reports for 31st March, 2019, it emerged that an incorrect NAV was recorded

fir-Reġistru minflok ir-rapport annwali stante li l-metodu ġdid ta' valwazzjoni tal-assi ttieħed in konsiderazzjoni fil-konfront tar-rapport awditjat biss u mhux fil-konfront tar-Reġistri.

vii. diskrepanzi bejn pożizzjonijiet tat-tmiem u pożizzjonijiet tal-ftuħ tal-valur tal-assi. Pereżempju, numru ta' diskrepanzi rriżultaw bejn il-pożizzjoni tat-tmiem fil-konfront tal-klassi ta' azzjonijiet I fit-28 ta' Frar, 2021, u l-pożizzjoni tal-ftuħ tal-31 ta' Marzu, 2021, fil-konfront tan-nominee Credit Suisse.

viii. għadd ta' operazzjonijiet neqsin jew mill-kontijiet (u b'hekk fir-rapporti annwali awditjati) jew inkella fir-Reġistri;

ix. kalkulazzjonijiet VAN mhux korretti minħabba n-nuqqasijiet ripetuti li jiġu ddikjarati l-ispejjeż u l-passiv, bl-iktar notevoli minnhom kollha tkun is-segwenti. It-taxxa Ġermaniża fuq l-introjtu korporattiv riżultanti mill-bejgħ tal-assi fl-2018 u l-2019, liema korrezzjoni fit-taxxa ammontat għal €2.6 miljuni ta' obbligazzjonijiet tat-taxxa addizzjonali li affettwaw il-VAN fil-livell tas-sotto-fond, flimkien ma' spejjeż oħra fosthom spejjeż tal-ġestjoni dwar akkwisti u bejgħ ta' assi li ma kinux imniżżla b'mod xieraq.

B'riżultat ta' dawn id-diversi żbalji, il-Fond kellu jimpenja ruħu sabiex iwettaq (i) eżerċizzju estensiv biex jirrikonċilja r-Reġistri u r-rapporti annwali awditjati peress li ħafna sottoskrizzjonijiet u switch orders ma ġewx imniżżlin jew inkella ġew imniżżlin b'mod żbaljat, li rriżultaw f'differenzi fl-azzjonijiet matul il-klassijiet tal-azzjonijiet D, E, F, H, u I; (ii) analiżi tar-Reġistri klassi b'klassi, partikolarment Klassi C, D, E, G, H, u IK; (iii) analiżi dettaljata tat-talbiex għall-fidi tal-isħma miżmuma mill-investitutri sabiex jiġi assigurat illi hemm biżżejjed azzjonijiet biex tintlaħaq din it-talba kemm fil-livell ta' nominee kif ukoll fil-livell ta' sub-designation; (iv) analiżi fuq l-impatt li r-rikalkulazzjoni tal-VAN minn Mazars kif appuntati mill-Amministratur kellha fuq ir-Reġistri. Dawn id-diskrepanzi gravi u żbalji ċari juru illi l-Amministratur ma eżerċitax il-kura, diliġenza, u ħila meħtieġa u mistennija minnu meta kien qed iżomm dawn ir-Reġistri u ma wettaqx b'mod xieraq l-obbligazzjonijiet hawn fuq imsemmija taħt il-Ftehim tal-Amministrazzjoni.

Illi inter alia b'riżultat dirett tan-nuqqasijiet hawn fuq imsemmija, u n-negliġenza, inkompetenza, u traskuraġni tal-Amministratur għad-dmirijietu taħt il-Ftehim tal-Amministrazzjoni, il-Fond kellu jsofri spejjeż sostanzjali ta' rimedjazzjoni sabiex jirranġa l-iżbalji ripetuti u gravi kemm fir-rigward tal-VAN u r-Reġistri, biex ma nsemmux ukoll il-kumpens li diġà tħallas lill-investituri li jammonta għal €1,230,710 grazzi għall-iżbalji fil-kalkulazzjoni tal-VAN.

Il-Fond ukoll jirriskja iżjed danni minn talbiet potenzjali ta' investituri minħabba l-iżbalji fil-kalkulazzjoni tal-VAN,

in the Register instead of the annual report since the new asset valuation method was taken into account in relation to the audited report only and not in relation to the registries.

vii. discrepancies between ending positions and opening positions of the asset value. For example, a number of discrepancies arose between the end position vis-à-vis share class I on 28th February, 2021, and the opening position of 31st March, 2021, vis-à-vis nominee credit Suisse.

viii. a number of operations missing either from the accounts (and thus in the audited annual reports) or in the records;

ix. incorrect NAV calculations due to repeated failures to declare costs and liabilities, the most notable of which would all be the following. German corporate income tax resulting from the sale of assets in 2018 and 2019, which tax correction amounted to €2.6 million of additional tax liabilities affecting the NAV at sub-fund level, plus other expenses including management costs on acquisitions and sales of assets that were not properly listed.

As a result of these various errors, the Fund had to commit to carry out (i) an extensive exercise to reconcile the audited annual records and reports as many subscriptions and switch orders were not or were incorrectly recorded, resulting in differences in actions across action classes D, E, F, H, and I; (ii) analysis of class-by-class registers, particularly Class C, D, E, G, H, and IK; (iii) a detailed analysis of the calls for redemption of the shares held by investors to ensure that there are sufficient actions to meet this demand at both nominee and sub-designation levels; (iv) an analysis of the impact that the recalculation of the NAV by Mazars as appointed by the Administrator has had on the registries. These serious discrepancies and manifest errors show that the Administrator did not exercise the care, diligence, and skill required and expected of him when keeping these records and did not properly fulfil the above mentioned obligations under the Administration Agreement.

That amongst others, as a direct result of the shortcomings above mentioned, and the negligence, incompetence, and negligence of the Administrator for his duties under the Administration Agreement, the Fund had to suffer substantial remediation expenses in order to rectify the repeated and grave mistakes both as regards the NAV and the registers, not to mention also the compensation already paid to the investors amounting to €1,230,710 due to the mistakes in the calculation of the NAV.

The Fund also risks more damages from potential requests from investors due to errors in the calculation of the

għal liema danni u spejjeż il-Fond iżomm lill-Amministratur kompletament responsabbli ai termini tal-Artikolu 5.1. tal-Ftehim tal-Amministrazzjoni, u ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant, permezz ta' din l-ittra uffiċjali, il-Fond formalment isejħilkom sabiex tersqu għall-ħlas għall-ispejjeż ta' rimedjazzjoni mġarrba mill-Fond u tiddennizzaw il-Fond kontra danni mressqa attwali u prospettivi minn investituri kontra l-Fond fir-rigward żbalji fil-kalkulazzjoni tal-VAN.

Illi mingħajr preġudizzju għas-su espost, din l-ittra uffiċjali qiegħda wkoll issir għal finijiet ta' ksur taż-żmien ta' preskrizzjoni applikabbli ai termini tad-dispożizzjonijiet ta' Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż, inter alia, Artikoli 2128, 2153, u 2156 ta' Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tevita spejjeż bla bżonn.

Bl-ispejjeż

Rikorrenti: c/o 171, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta VLT 1455, Malta

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Josette Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 22 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

NAV, for which damages and expenses the Fund holds the Administrator fully responsible in terms of Article 5.1 of the Administration Agreement, and in terms of Article 1031 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

Thus, by means of this judicial letter, the Fund formally solicits you to come forward to pay for the remediation expenses incurred by the Fund and indemnify the Fund against actual and prospective damages made by investors against the Fund regarding errors in the calculation of the NAV.

That without prejudice to the above, this judicial letter is also being made for the purpose of interrupting the running of the prescriptive period applicable in terms of the provisions of Cap. 16 of the Laws of Malta, including, inter alia, Articles 2128, 2153, and 2156 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed and avoid unnecessary expenses.

With costs

Interpellant: c/o 171, Triq l-Ifran, Valletta VLT 1455, Malta

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Josette Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 22nd September, 2025

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2821

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2025, fuq talba ta' Pauline Mallia ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Paul Gambin fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4402/2025 fl-ismijiet Pauline Mallia vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-29 ta' Settembru, 2025, ta' Pauline Mallia (KI 143248M) ta' 8, Triq in-Naxxar, Birkirkara, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Paul Gambin, irtirat, divorzjat, iben il-mejtin Joseph Gambin u Mary Stella Gambin née Caruana, imwieled San Pawl il-Baħar u residenti fl-Londra, ir-Renju Unit (KI 581339M) jew l-eredi mhux magħrufa tiegħu jew l-eredità ġjaċenti tiegħu fejn permezz tal-preżenti Pauline Mallia tagħmel referenza għall-konvenju datat 27 ta' Diċembru, 2024, debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u Dwana, liema konvenju huwa relattiv għall-bejgħ daparti tal-intimat a favur il-mittenti, tas-sehem ta' parti waħda minn tlettax (1/13) indiviża tal-fond konsistenti minn remissa, fl-istat delapidat tiegħu, inkluż is-sottoswol usque ad infernum u l-arja tiegħu usque ad coelum, li fih tliet bibien f'aċċess bin-numri uffiċjali mhux ċari, fi Triq il-Wied, Birkirkara, meqjus bħala liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu konfinanti mit-Tramuntana ma' Triq il-Wied, min-Nofsinhar mal-Iskola San Alwiġi u mill-Punent ma' Uffiċċju tal-Posta ta' Malta, liema proprjetà hija aħjar deskritta u murija fl-istess konvenju surriferit, tinterpellak sabiex tersaq u taddivjeni għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment tal-propjretà fuq indikata favur l-istess mittenti ai termini u l-kundizzjonijeit kollha stipulati fl-istess konvenju surriferit.

F'każ li tibqa' inadempjenti, il-mittenti ma jkollhiex alternattiva oħra għajr li tniedi l-proċeduri ġudizzjarji opportuni ai termini tal-ligi, sabiex tissalvagwardja l-interessi u d-drittijiet kollha tagħha.

Din l-ittra uffiċjali qed issir ai termini, l-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, senjatament izda mhux limtiatament ai finijiet u l-effetti kollha tal-artikolu 1357 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 2nd October, 2025, following a request by Pauline Mallia it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Paul Gambin in the acts of the judicial letter number 4402/2025 in the names Pauline Mallia vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 29th September, 2025, by Pauline Mallia of 8, Triq in-Naxxar, Birkirkara against deputy curators nominated to represent the absentee Paul Gambin, retired, divorced, son of the late Joseph Gambin and Mary Stella Gambin née Caruana, born in St Paul's Bay, and residing in London, United Kingdom (ID 581339M) or the unknown heirs or his vacant inheritance, Pauline Mallia makes reference to the promise of sale agreement dated 27th December, 2024, duly registered with the Commissioner of Inland Revenue and Customs which promise of sale agreement is relative to the sale by the respondent in favour of the applicant, of the (1/13) undivided share of the premises consisting of a coach house, in a dilapidated state, including its subsoil usque ad infernum and its airspace usque ad coelum, having three doors of access with unclear official numbers, in Triq il-Wied, Birkirkara, considered free and unencumbered with all its rights and appurtenances bounded on the north by Triq il-Wied on the south by St Aloysius School and on the west by a Malta Post Office, which property is better described and shown in the same promise of sale agreement above mentioned, you are solicited to come forward for the publication of the final deed of sale and transfer of the property above indicated in favour of the same applicant under those terms and conditions stipulated in the same agreement above mentioned.

In case you remain in default, the applicant will have no alternative but to initiate the opportune judicial procedures in terms of law, in order to safeguard all her interests and rights.

This judicial letter is being made for all intents and purposes of law, especially but not limitedly for all intents and purposes of Article 1357 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself and avoid further costs.

With costs.

Rikorrenti: 8, Triq in-Naxxar, Birkirkara

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 2 ta' Ottubru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Interpellant: 8, Triq in-Naxxar, Birkirkara

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

Today 2nd October, 2025

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2822

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Christine Borg sive Borg St John (KI 615748M) ippreżentat rikors ġuramentat (numru 1112/2025 JVC) fejn ġiet mitluba l-korrezzjoni tal-Att taż-Żwieġ numru 2395/2013 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 7 ta' Novembru, 2025

CORA CATANIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Christine Borg sive Borg St John (ID 615748M) filed an application under oath (number 1112/2025 JVC) demanding the correction of the Act of Marriage certificate number 2395/2013 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Today 7th of November, 2025

CORA CATANIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2823

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 745/2023AB, fl-ismijiet: Polidano Brothers Limited vs Jake Borg, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Polidano Brothers Limited (C8884) vs Jake Borg (527993M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Lulju, 2023, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12. tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' sebgħa u sebgħin elf, ħamsa u sebgħin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€77,075.78) kif deskritt;

3. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont hawn fuq indikat ta' sebgħa u sebgħin elf, ħamsa u sebgħin ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€77,075.78).

Illi, għaldaqstant, permezz tal-preżenti, l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom inter alia mis-subartikolu (7) tal-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija mill-fakultà mogħtija lilhom li jifdu ċ-ċens u s-subċens annwu u perpetwu gravanti l-fond surreferit;

Illi l-ammont ta' ċens annwu u perpetwu ta' tmien liri u tnejn u tletin ċenteżmi (Lm8.32,0), ekwivalenti għal dsatax-il ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€19.38), kapitaliżżat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), jammonta għal tliet mija u sebgħa u tmenin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€387.61);

Illi permezz tal-preżenti l-esponenti qegħdin jiddepożitaw wkoll:

i. l-ammont ulterjuri ta' sitta u disgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€96.90), rappreżentanti l-valur globali tal-arretrati ta' ċens annwu u perpetwu għall-aħħar ħames (5) snin,

ii. L-ammont ta' dsatax-il ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€19.38) rappreżentanti l-ammont ta' lawdemju dovut ai termini tal-klawżola (4) tal-att pubbliku surreferit konkluż nhar il-5 ta' Lulju, 1960 ('Dok. NC3');

Illi, għaldaqstant, ma jeżistu l-ebda pendenzi inkonnessjoni mal-ħlas ta' ċens annwu u perpetwu gravanti l-fond surreferit.

That the premises above mentioned is indicated in the plan here attached and marked as 'Doc NC 2';

That the land on which the premises above mentioned were built formed part of a portion of land which was described in the public deed concluded in the records of Notary Giuseppe Sammut on the fifth July of the year one thousand nine hundred and sixty (5.7.1960) as 'a developable field in the limits of Birkirkara, in Sqaq Ganu, called 'Ta' Sqaq Ganu' measuring about four tmiem (4. T) and bounded on the west by Triq Ganu, on the south by property of Paolo Vassallo and on the north partly by property of Major Alfred Calascione and partly by property of Giuseppe Briffa.' By means of this public deed, Luiġi sive Louis Borg acquired this land by title of perpetual emphyteusis, subject to the payment of 'perpetual groundrent of two hundred liri (£200) per annum, payable every six months in arrears from today' ('Doc. NC 3');

That according to the relative site plans, it results That the premises above referred to has an area of two hundred and twenty square metres (220 m²) ('Doc. NC 2');

That, thus, the applicants are filing this Schedule of Deposit with the aim of depositing any obligation That may exist in connection with the payment of groundrent burdening the premises above mentioned, and this against the unknown heirs of the persons indicated as respondents in this Schedule of deposit;

That, thus, by means of this present, the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them inter alia by subarticle (7) of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta, or rather of the faculty given to them to redeem the annual and perpetual groundrent burdening the premises above mentioned;

That the amount of annual and perpetual groundrent of eight liriand thirty two cents (Lm8.32) equivalent to €19.38 capitalised at the rate of five percent (5%) amounts to three hundred and eighty seven euro and sixty one cents (€387.61);

That the applicants are depositing also:

i. the further amount of ninety six euro and ninety cents (€96.90), representing the global value of the arrears of annual and perpetual groundrent for the last five (5) years,

ii. the amount of nineteen euro and thirty eight cents (€19.38), representing the amount due as laudemium in terms of clause (4) of the public deed above mentioned concluded on the 5th July, 1961 ('Doc. NC3');

That, thus, there exist no pendencies in connection with the payment of the annual and perpetual groundrent burdening the premises above mentioned.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jadixxu lill-Onorabbli Qorti u, taħt l-Awtorità tagħha, qegħdin jiddepożitaw l-ammont globali ta' ħames mija u tlieta u għoxrin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€523.89), inkwantu:

i. Għall-ammont ta' tliet mija u sebgħa u tmenin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€387.61), rappreżentanti l-fidi, ossija l-ammont kapitaliżżat ta' ċens annwu u perpetwu gravanti l-fond bl-isem 'Merħba', bin-numru mija u erbgħa u għoxrin (124), fi Triq Ganu f'Birkirkara;

ii. Għall-ammont ta' sitta u disgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€96.90), rappreżentanti l-valur tal-arretrati ta' ċens annwu u perpetwu tal-aħħar ħames (5) snin;

iii. Għall-ammont ta' dsatax-il ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€19.38), dovut bħala lawdemju ai termini tal-klawżola (4) tal-att pubbliku surreferit konkluż nhar il-5 ta' Lulju, 1960;

iv. Għall-ammont addizzjonali ta' għoxrin ewro (€20.00), sabiex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe diskrepanza fil-kalkolu u/jew fil-kejl relattiv.

Tant sabiex l-ammonti surreferiti jiġu liberament żbankati minn min għandu dritt għalihom skont il-liġi, prevja r-rilaxx tad-debiti riċevuti.

Esponenti: 124, Merħba, Triq Ganu, Birkirkara

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Artijiet, 116, Casa Bolin, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 5 ta' Awwissu, 2025

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and, under its authority, are depositing the global amount of five hundred and twenty three eurs and eighty nine cents (€523.89), in so far as:

i. For the amount of three hundred and eighty seven Euro and sixty one cents (€387.61), representing the redemption, That is the capitalised amount of annual and perpetual groundrent regarding the premises above mentioned with Merħba, with number 124 in Triq Ganu, Birkirkara;

ii. For the amount of ninety six euro and ninty cents (€96.90), representing the value of the arrears of annual and perpetual groundrent for the last five (5) years;

iii. For the amount of nineteen euro and thirty eight cents (€19.38), due as laudemium in terms of clause (4) of the public deed above mentioned concluded on the 5th July, 1960.

iv. For the additional amount of twenty euro (€20), to make good any discrepancies in the relative calculation and/or measurement.

So much so That the amounts above mentioned be freely withdrawn by whoever has a right to them according to law, saving the release of the duly receipts.

Applicants : 124, Merħba, Triq Ganu, Birkirkara

Notification: Director Public Registry, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta

Lands Registry, 116, Casa Bolin, Triq il-Punent,Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration That he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one That if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Lawrence Mintoff, LLD, Doctor of Laws.

Today 5th August, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2838

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 63/2023AL fl-ismijiet Michael Bonnici pro et noe vs Kimberly Bianco , ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kimberly Bianco a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ta' Michael Bonnici fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Michael Bonnici (KI 308097M) vs Kimberly Bianco (KI 0182894M) fl-atti tar-Rikors numru 63/2023AL, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrenti Michael Bonnici talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tvarja d-digriet tagħha preċedenti fir-rigward tal-aċċess tal-esponent, u tordna minflok illi l-esponent ikollu access versu ibnu minuri mingħajr il-ħtiega ta' supervizzjoni kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa bejn il-5.00p.m. u t-8.00p.m. u fi tmiem il-ġimgħa nhar ta' Sibt mid-9.00a.m. sal-5.00p.m. salv għal dawk il-provvedimenti kollha l-oħra illi din l-Onorabbli Qorti joggħobha tagħti fiċ-ċirkostanzi;

2. Tordna illi, jekk it-tifel minuri jirreżisti illi jmur għall-aċċess minħabba l-influwenza ta' ommu, ir-residenza tat-tifel minuri, għandha tinbidel u tkun mal-missier sabiex il-ħsara li evidentament qiegħda ssir tieqaf minnufih u ma tkomplix tikber;
3. Tordna lill-intimata tattendi course tal-coparenting taħt piena ta' disprezz.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja) – l-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)

Rikors Ġuramentat numru 63/2023AL

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna notifika tal-istess lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 9 ta' Lulju, 2025

Rikorrent: 4, J&P Apartments, Flat 4, Triq San Martin, Sqaq Nru 2, Ħaż-Żebbuġ (Malta)

By means of a decree of the 9th October, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Michael Bonnici vs Kimberly Bianco, Application number 63/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Kimberly Bianco in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application of Michael Bonnici in the records of the application Number 63/2023AL in the names Michael Bonnici (ID 308097M) pro et noe vs Kimberly Bianco (ID 0182894M) filed in the Civil Court (Family Section), on the 8th July, 2025, the applicant Michael Bonnici requested this Honourable Court to:

1. Vary its previous decree regarding the access of the applicant, and order instead That the applicant has access towards his minor son without the need of supervision every Monday and Wednesday between 5.00p.m. and 8.00p.m. and at weekends on Saturday from 9.00a.m. till 5.00p.m. saving all those other provisions That this Honourable Court deems fit to give in the circumstances;

2. Order That, if the minor boy resists to go for access due to the influence of his mother, the residence of the minor boy, should be changed and be with the father so That the damage which is evidently being done stop immediately and stop growing;
3. Order the respondent to attend a course of coparenting under penalty of contempt.

Civil Court (Family Section) – Honourable Madam Justice Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)

Sworn Application number 63/2023AL

The Court,

Having seen the application;

Order the notification to the respondent with a right of reply within five (5) working days.

Today 9th July, 2025

Applicant: 4, J&P Apartments, Flat 4, Triq San Martin, Sqaq Nru 2, Ħaż-Żebbuġ (Malta)

Notifika: 23, Alley 2, Triq San Raphael, Ħal Qormi.

Il-kawża fl-ismijiet Michael Bonnici vs Kimberly Bianco (Rikors numru 63/2023AL) hija differita għall-25 ta' Novembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Kimberly Bianco, 23, Alley 2, Triq San Raphael, Ħal Qormi

The application in the names Michael Bonnici vs Kimberly Bianco, Application number 63/2023AL, has been postponed for hearing to the 25th November, 2025, at 9.30 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2839

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 813/2025, fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Jessica Mackay, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jessica Mackay a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 et sequitur.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 6 ta' Marzu, 2025

Lil Jessica Mackay (KI 0504687M) ta' 157, Flat 8, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti Elmo Insurance Limited (C3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, tagħmel referenza għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fit-18 ta' Novembru, 2024, fi Dom Mintoff, il-Marsa, meta waqt li inti kont qiegħda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBU 324, proprjetà tiegħek u assikurata mis-soċjetà mittenti, ħbatt mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FPY-072, appartjenenti lil terzi.

Għal kull fini u effetti tal-ligi, is-soċjetà mittenti tgħarrfek li inti inqast milli tipproduċi għas-sodisfazzjon tagħha liċenzja tas-sewqan valida li kienet tippermettilek issuq il-vettura involuta fid-data tal-inċident awtomobilistiku de quo u dan kif inhu obbligu tiegħek skont il-polza ta' assikurazzjoni relattiva. B'hekk inti ksirt l-obbligi tiegħek a tenur tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni u għalhekk trid tagħmel tajjeb versu s-soċjetà mittenti għall-inadempjenza tiegħek.

Dan premess is-soċjetà mittenti tgħarrfek li jekk it-terz li ġarrab id-danni fl-imsemmi inċident jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji fejn iżommok responsabbli għall-inċident fuq riferit u jinterpellak sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni subiti minnu kif ukoll javża lis-soċjetà mittenti li jkunu ġew istitwiti tali proċeduri hekk kif jipprovdi l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, dak l-Avviż għandu l-effett

By means of a decree of the 24th October, 2025, of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 813/2025, in the names Elmo Insurance Limited vs Jessica Mackay, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jessica Mackay in terms of Article 187(3) of Cap. 12 et sequitur.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 6th March, 2025

To Jessica MacKay of 157, Flat 8, Triq il-Punent, Valletta

By the present Elmo Insurance Limited (C 3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, makes reference to the accident That occured on the 18th November, 2024, in Triq Dom Mintoff, Marsa, whilst you were driving the vehicle with registration number BBU 324 being your property and insured by the interpellant company you collided with vehicle with registration number FPY-072, belonging to third parties.

For all intents and purposes of law, the interpellant company informs you that you failed to produce to its satisfaction a valid driving licence That would have allowed you to drive the vehicle involved on the date of the de quo motor accident and this as is your obligation according to the relative insurance policy. Thus you have breached your obligations in terms of the said insurance policy and thus you have to make good towards the interpellant company for your default.

This premised the interpellant company informs you That if the third party who suffered damages in the said accident institutes judicial procedures whereby it holds you responsible for the incident above referred to and calls upon you to come forward for the liquidation and payment of damages suffered by him as well as informs the interpellant company That such procedures have been instituted as

li, skont l-Artikolu 10(2)(a) tal-istess Kap. 104, jobbliga lis-soċjetà mittenti li tagħmel tajjeb hija lit-terz jekk ikun hemm deċiżjoni definittiva b'esitu sfavorevoli għalik. F'dak il-każ, is-soċjetà mittenti tkun obbligata tagħmel tajjeb għad-danni, għall-imgħax, għall-ispejjeż ġudizzjarji u għall-VAT skont il-każ peroò qiegħda tavżak li, in vista tal-Artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, hija se tipprevalixxi ruħha mid-dritt li tesiġi rifużjoni sħiħa mingħandek, ta' kulma tkun ħallset f'danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u VAT.

Daqstant sabiex tagħraf tidderieġi ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

provided in Cap. 104 of the Laws of Malta, That notice has the effect That, according to Article 10 (2)(a) of the same Cap. 104 obliges the interpellant company to make good to the third party if there is a definitive judgement to the detriment of you. In this case, the interpellant company shall be obliged to make good for the damages, interest, judicial expenses and VAT according to the case but you are warned That, in view of Article 12 of Cap. 104 of the Laws of Malta, it shall avail itself of the right to withdraw a full refund from you, of all That it has paid in damages, interest, judicial expenses and VAT.

So much so That you may know how to regulate yourself.

With costs and legal interest.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2840

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Ġunju, 2024, fuq talba ta' Steven Harrison ġie ordnat biex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Carmelo Bajada, fl-atti taċ-ċedola numru 1360/2024 fl-ismijiet Steven Harrison vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' cens numru 1360/2024 fl-ismijiet Steven Harrison, bank manager, iben Ignatius u Gemma née Tabone mwieled San Ġiljan fl-4 ta' Marzu, 1975, (KI 117575M); u martu Claire Harrison, segretarja, bint Carmelo sive Charles Brincat u Maria née Buttigieg, imwielda San Ġiljan fit-18 ta' Jannar, 1975, (KI 62475M); u t-tnejn residenti 11, Block 'B', Savoy Terrace, Triq Sir Hilderbrand Oakes, Il-Gżira, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Francis Mifsud Ellul, iben Salvatore u Francesca née Farrugia, mwieled Ħaż-Żebbuġ għaċ-ċens oriġinali; kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Carmelo Bajada bin Giovanni u Carmela née Bezzina, mwieled il-Ħamrun u ta' Giuseppe Farrugia, bin Luigi u Guseppa née Attard, imwieled San Lawrenz, Għawdex, għall-ewwel subċens; u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Salvatore Schembri, bin Giovanni u Carmela née Cassar, mwieled Ħal Luqa u Angelo Galea, bin

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 27th June, 2024, following a request of Steve Harrison it was ordered That deputy curators be appointed to represent the successors in title of Carmelo Bajada, in the acts of the schedule of deposit number 1360/2024 in the names Steven Harrison vs Deputy Curators to represent in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 1360/2024 in the names Steven Harrison, bank manager, son of Ignatius and Gemma née Tabone born in St Julian's on the 4th March, 1975, (ID 117575M); and his wife Claire Harrison, Secretary, daughter of Carmelo sive Charles Brincat and Maria née Buttigieg, born at St Julian's on 18th January, 1975, (ID 62475M); and both residing 11, Block 'B', Savoy Terrace, Triq Sir Hilderbrand Oakes, Gżira, vs Deputy Curators to represent the successors in title of Francis Mifsud Ellul, son of Salvatore and Francesca née 'Farrugia, born in Ħaż-Żebbuġ for the original groundrent; Deputy curators to represent the successors in title of Carmelo Bajada son of Giovanni and Carmela née Bezzina, born in Ħamrun and of Giuseppe Farrugia, son of Luigi and Guseppa née 'Attard, born in San Lawrenz, Gozo, for the first sub-emphyteusis; and deputy curators to represent the successors in title of Salvatore Schembri, son of Giovanni and Carmela née

Giuseppe u Concetta née Vella, imwieled ir-Rabat, Malta, għat-tieni subċens, ippreżentata fil-25 ta' Ġunju, 2024, fejn l-esponenti jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti jippossiedu l-appartament illi jinsab fuq it-tielet (3) sular tal-bini u ċoè fuq is-second (2nd) level tal-bini, sovrapost garaxx/ijiet fl-ewwel (1) sular u cioè fil-ground floor level, internament immarkat bin-numru wieħed (1) u jifforma parti mill-blokk ta' appartamenti innumerati numru tmintax (18) u bl-isem ta' 'John Flats', fi Triq l-Isptar, qabel magħrufa bħala Saint Luke's Junction f'Tal-Pietà, xi drabi riferuta bħala Gwardiamanġa; liema blokk ta' appartamenti tikkonfina mil-Lbiċ mal-imsemmija triq, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Carmelo Caruana jew is-suċċessuri fit-titolu tiegħu u mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Vincenzo Mifsud jew is-suċċessuri fit-titolu tiegħu jew irjieħ verjuri oħra; inkluż il-ġnien li jinsab fuq wara u liema ġnien jinkludi s-sottoswol u l-art u l-arja relattiva usque ad coelum kif ukoll sehem mill-entratura u t-taraġ sal-bejt u l-bejt flimkien mas-sidien tal-appartamenti l-oħra tal-blokka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, hekk kif aħjar deskritt fil-kuntratt tal-akkwist magħmul fl-atti tan-Nutar Dott. Jean Carl Debono datat 14 ta' Frar 2019, hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A', kif murija fuq is-site-plan annessa u mmarkata Dok. 'B', kif suġġetta għas-subċens annwu u perpetwu u mhux revidibbli ta' erbgħa u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94) u liema fond huwa residenzjali;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan l-istess ċens skont ir-rata indikata fil-kuntratt ta' akkwist u li għalhekk jammonta għal elf mija u erbgħa u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.67) meta kkapitalizzat bit-tlieta fil-mija (3%);

Illi ċ-ċens oriġinali kien ġie impost mill-imsemmi Francis Mifsud Ellul in forza ta' att ta' enfitewsi ppubblikat min-Nutar Dott. Joseph Cachia fis-6 ta' Awwissu, 1959, Dok. 'C', is-subċens impost minn Carmelo Bajada u Giuseppe Farrugia ġie impost in forza ta' att ta' subenfitewsi ppubblikat min-Nutar Dott. John Tabone Adami fis-7 ta' Awwissu, 1959, Dok. 'D' filwaqt li s-subċens impost minn Salvatore Schembri u Angelo Galea ġie impost in forza ta' att ta' subenfitewsi ppubblikat min-Nutar Dott. Anthony Gatt fis-16 ta' Novembru, 1961, Dok. 'E';

Għaldaqstant, l-esponenti qedgħin umilment jadixxu lil din l-Onorabbi Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont globali ta' elf tlett mija u erbgħa u sebgħin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€1,374.31) rappreżentanti ta' elf mija u erbgħa u sittin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€1,164.66) prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens perpetwu gravanti l-immobli fuq imsemmija, mija erbgħa u sebgħin

Cassar, born in Ħal Luqa and Angelo Galea, son of Giuseppe and Concetta née Vella, born in Rabat, Malta, for the second sub-groundrent, filed on the 25th June, 2024, whereby the applicants respectfully submit:

That the applicants owns the apartment situated on the third (3) floor of the building and namely on the second (2nd) level of the building, overlying garage/s on the first (1) floor and namely on the ground floor level, internally marked with number one (1) and forming part of the block of apartments numbered eighteen (18) and named 'John Flats', in Triq l-Isptar, formerly known as Saint Luke's Junction in Tal-Pietà, sometimes referred to as Gwardiamanġa; which block of apartments is bounded on the South West by the said street, on the South by property of Carmelo Caruana or his successors in title and on the North by property of Vincenzo Mifsud or his successors in title or other more correct yards; including the garden situated behind and which garden includes the subsuol and the land and relative airspace usque ad coelum as well as a share of the entrance and stairs up to the roof and roof together with the owners of the other apartments of the block with all its rights and appurtenances, as better described in the deed of acquisition made in the records of Notary Dr Jean Carl Debono dated 14th February, 2019, here attached and marked as Doc. 'A', as shown on the attached site plan and marked Doc. 'B', as subject to the annual and perpetual non-revisable sub-groundrent of thirty-four euro and ninety-four cents (€34.94) and which premises is residential;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem this same groundrent according to the rate indicated in the contract of acquisition and which thus amounts to one thousand one hundred and sixty four euro and sixty seven cents (€1,164.67) when capitalised at three per cent (3%);

That the original groundrent was imposed by the said Francis Mifsud Ellul in virtue of a deed of emphyteusis published by Notary Dr Joseph Cachia on the 6th August 1959, Doc. 'C', the sub-groundrent imposed by Carmelo Bajada and Giuseppe Farrugia was imposed in virtue of a deed of sub-emphyteusis published by Notary doctor John Tabone Adami on the 7th August, 1959, Doc. 'D' whilst the sub-groundrent imposed by Salvatore Schembri and Angelo Galea was imposed in virtue of a deed of sub-emphyteusis published by Notary Dr Anthony Gatt on the 16th November, 1961, Doc. 'E';

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the global amount of one thousand three hundred and seventy four euro and thirty one cents (€1,374.31) representing one thousand one hundred and sixty four euro and sixty six cents (€1,164.66) price of redemption of this perpetual groundrent burdening the immovable above mentioned, one hundred

ewro u sebgħin ċenteżmu (€174.70) arretrati ta' ħames (5) snin ċens u erbgħa u sebgħin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94) ħlas ta' lawdemju, biex jiġi mogħti liberament lis-sidien, wara li titħalla d-debita riċevuta.

Mittenti: 11, Block letter 'B', Savoy Terrace, Triq Sir Hilderbrand Oakes, Il-Gżira

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giovanni Grixt,i LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 27 ta' Ġunju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

and seventy four euro and seventy cents (€174.70). arrears of five (5) years groundrent and thirty-four euro and ninety-four cents (€34.94) payment of laudemium, to be freely withdrawn by the owners, after leaving the relative receipt.

Interpellant: 11, Block letter 'B', Savoy Terrace, Triq Sir Hilderbrand Oakes, Gżira

Notification: Director Public Registry, Merchants Street, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration That he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Grixti, LLD., Doctor of Laws.

This 27th June, 2024

Registry of the Superior Courts, today 7th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2841

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-19 ta' Awwissu, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Antonia Maria sive Tanya Borg Cardona.

Tammam Aboubakr Salem Altubouli sive Tam Taboli (KI 129539A) eżerċenti l-kummerċ bħala ITransport ta' 54B, Carrie, St Franxis Street, Tas-Sliema, ippreżentaw Talba, fit-13 ta' Awwissu, 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Antonia Marisa sive Tanya Borg Cardona (KI 341056M) ta' Fl 5, Quisisana Boutique Apartments, Ix-Xatt ta' Qui-si-sana, Tas-Sliema, sabiex tħallas lill-attur nomine s-somma ta' €4,260, liema ammont huwa dovut lill-attur nomine.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 19th August, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Antonia Maria sive Tanya Borg Cardona in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Tammam Aboubakr Salem Altubouli sive Tam Toboli (ID 129538A) carrying on trade ITransport ta' 54B, Carrie, St Francis Street, Tas-Sliema, filed a Claim on the 13th August, 2025 whereby they asked the Tribunal to condemn Antonia Maria sive Tanya Borg Cardona (ID 341056M) of Fl 5, Quisisana Boutique Apartments, Ix-Xatt ta' Qui-si-sana, Tas-Sliema, to pay the plaintiff nomine the sum of €4,260, which amount is due to the plaintiff nomine.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż numru 202/2025IS) hija differita għas-17 ta' Novembru, 2025, fis-13.10 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests.

The case (Claim number 202/2025IS) is deferred on the 17th November, 2025, at 13.10 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 10th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2842

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Settembru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront tal-konvenuti Jeffrey Attard, Lara Developments Ltd u Charter Properties Ltd.

Francis sive Frank Muscat (KI 89263M) ta' 26, Mascot, Triq San Filippu, L-Imġarr, Malta, ippreżenta Talba, fil-5 ta' Settembru, 2025, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Jeffrey Attard (KI 428673M) ta' 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin; Lara Developments Ltd (C42868) ta' 1, Lara Buildings, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-; u Charter Properties Ltd (C69311) ta' 1, Lara Buildings, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin, sabiex jħallsu lill-attur is-somma ta' €4,820, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż numru 253/2025MD) hija differita għall-25 ta' Novembru, 2025, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 11th September, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Jeffrey Attard, Lara Developments Ltd u Charter Properties Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Francis sive Frank Muscat (ID 89263M) of 26, Mascot, Triq San Filippu, Mġarr, Malta filed a Claim on the 5th September 2025, whereby he asked the Tribunal to condemn Jeffrey Attard (ID 428673M) of 1, Lara Buildings, Flat 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin; Lara Developments Ltd (C42868) of 1, Lara Buildings, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin; and Charter Properties Ltd (C69311) of 1, Lara Buildings, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin, to pay the plaintiff the sum of €4,820, which amount is due to the plaintiff.

With costs and interest.

The case (Claim number 253/2025MD) is deferred on the 25th November, 2025, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 10th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2843

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 81/2025JPG fl-ismijiet Jessica Merkaj Grima pro et noe vs Kenneth Magro, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Kenneth Magro a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors guramentat fl-ismijiet Jessica Merkaj Grima (KI 0458383M) f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem ta' wliedha minuri … omissis … maħtura b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-6 ta' Mejju 2025 vs Kenneth Magro (KI 383693M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru

By means of a decree of the 6th October, 2025 of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Jessica Merkaj Grima pro et noe vs Kenneth Magro, Application Number 81/2025JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Kenneth Magro in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the sworn application Number 81/2025JPG in the names Jessica Merkaj Grima (ID 0458393M) in her own name and as curator ad litem for her minor children … omissis … nominated by means of a decree of the 6th May 2025 vs Kenneth Magro

81/2025JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' April, 2025, ir-rikorrenti Jessica Merkaj Grima (KI 0458393M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tafda s-setgħa esklussiva ta' ġenitur tal-minuri … omissis … f'idejn ir-rikorrenti;

2. Tafda l-kura u l-kustodaj tal-minuri … omissis …f'idejn ir-rikorrenti, filwaqt li tikkonferma illi r-residenza tal-minuri għandha tkun mal-omm;

3. Tordna illi d-deċiżjonijiet kollha kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja rigwardanti t-trobbija, saħħa, edukazzjoni attivitajiet ekstrakurrikulari tal-minuri kif ukoll dawk id-deċiżjonijiet rigward domiżilju, safar u ħruġ u tiġdid ta' passaport tal-minuri jittieħdu esklussivament mir-rikorrenti u mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat;

4. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-minuri u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex iħallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, kif ukoll tordna illi l-ispejjeż kollha ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet ekstrakurrikulari tal-istess minuri ikunu a karigu taż-żewġ ġenituri b'mod ugwali u tiffissa il-modalità tali ħlas ta' spejjeż;

5. Tordna li l-imsemmi manteniment jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qligħ tal-intimat, mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsijasi benefiċċju soċjali li huwa jista' jkun qed jirċievi minn żmien għal żmien;

6. Tordna li l-imsemmji mantenimetn jiġi depożitat f'kont bankarju indikat mill-esponeti;

7. Tiddikajra illi l-intimat huwa responsabbli li jħallas arretrati ta' manteniment kif ukoll spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni (u attivitajiet ekstrakurrikulari jekk ikun il-każ) minnu mhux imħallas, minn meta r-relazzjoni tal-partjiet intemmet, kif ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, u dan kif se jigi provat f'dawn il-proċeduri;

8. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment kif ukoll spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni (u attivitajiet ekstrakurrikulari jekk ikun il-każ) kif ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, mhux imħallsa mill-intimat, kif hawn fuq spjegat;

9. Tikkundanna l-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk stabbilita u likwidata minn din l-Onorabbli Qorti konsistenti f'arretrati ta' manteniment għas-snin kollha imsemmija u dan taħt dawk il-modalitajiet illi jiġu stabbiliti f'dan ir-rigward mill-istess Onorabbli Qorti, liema somma għandha tkun tkopri l-manteniment ordinarju kif ukoll l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u (attivitajiet ekstrakurrikulari jekk ikun il-każ, kif ukoll iż-żieda tal-għoli tal-ħajja minnu mhux mħallsa;

(ID 383693M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 28th April 2025, the applicant Jessica Merkaj Grima (ID 0458393M) pro et noe requested this Honourable Court to:

1. Entrust the exclusive power of parental authority of the minors … omissis … to the applicant;

2. Entrust the care and custody of the minors … omissis … to the applicant, whilst confirming that the residence of the minors should be with the mother;

3. Order that all the decisions both of an ordinary nature as well as those of an extraordinary nature regarding the upbringing, health, education extra-curricular activities of the minors as well as those decisions regarding domicile, travel and issue and renewal of the passport of the minor be taken exclusively by the applicant and without the necessity of the signature of the respondent;

4. Liquidate and fix maintenance for the minors and consequently order the respondent to pay the maintenance as liquidated; with all those modalities of payment, including provision for the periodical increase to compensate for the cost of living, as well as order that all health, education and extra-curricular activities expenses of the same minors be borne equally by both parents and fix the modality of such payment of expenses;

5. Order that the said maintenance be deducted directly from the salary or income of the respondent, from the employment or work he has or may have, or from any social benefit he may be receiving from time to time;

6. Order that the said maintenance be deposited in a bank account indicated by the applicants;

7. Declare that the respondent is responsible to pay maintenance arrears as well as health and education expenses (and extra-curricular activities if any) by him not paid, from when the relationship of the parties ended, as well as the increase in the cost of living, and this as shall be proved in these procedures;

8. Liquidate the arrears of maintenance as well as health and education expenses (and extra-curricular activities if applicable) as well as the increase of the cost of living, not paid by the respondent, as above explained;

9. Condemn the respondent to pay the applicant that sum so established and liquidated by this Honourable Court consisting in arrears of maintenance for all the years mentioned and this under such modalities as shall be established in this regard by the same Honourable Court, which sum shall cover the ordinary maintenance as well as the costs of health, education and (extra-curricular activities if any, as well as the cost of living increase by him not paid;

10. Tagħti illi kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali, jekk ikun hemm li jkunu talvolta pagabbli lill-minuri … omissis … jingħata lir-rikorrenti;

11. Tagħti dawk il-provvediemnti kollha xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri … omissis …

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Jessica Merkaj Grima pro et noe vs Kenneth Magro (Rikors numru 81/2025JPG) hija differita għas-26 ta' Novembru, 2025, fl-10.00 a.m.

Esponenti: 8, Triq il-Pallazz l-Antik tal-Gvernatur, Il-Birgu

Notifika intimat: Fitz, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 10 ta' November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

10. Order that any social benefit and/or social assistance, if any, payable to the minor … omissis … be given to the applicant;

11. Give all the appropriate and opportune provisions concerning the minors … omissis …

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

The application in the names Jessica Merkaj Grima pro et noe vs Kenneth Magro, Application number 81/2025JPG, has been postponed for hearing to the 26th November, 2025, at 10.00 a.m.

Applicant: 8, Triq il-Pallazz l-Antik tal-Gvernatur, Vittoriosa

Notification respondent: Fitz, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 10th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2844

Editt għall-aħbarijiet dwar persuni assenti maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 10 ta' Novembru, 2025

Billi l-eredi ta' Joseph Mifsud, b'rikors ippreżentat fl-4 ta' Novembru, 2025, liema rikors iġib in-numru 1034/2025 fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) intalbet il-ħatra ta' kuratur sabiex jirrappreżenta l-assenti Joseph Mifsud, bin Carmelo Mifsud u Carmela Mifsud née Degabriele, imwieled Tal-Pietà, Malta, u li jinstab assenti u li ebda aħbarijiet ma nstemgħu aktar dwaru.

Kull min għandu aħbarijiet li l-imsemmi Joseph Mifsud għadu ħaj, huwa mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tkun taf bihom, fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dakinhar li joħroġ dan l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

B'ordni tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

ROSE MARIE BUTTIGIEG
Deputat Registratur, għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Edict for information regarding absent persons issued by the Registry of The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section).

Today the 10th November, 2025

Whereas the heirs of Joseph Mifsud, by an application filed on the 4th of November, 2025, in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), requested the appointment of Curators for the absentee Joseph Mifsud, son of Carmelo Mifsud and Carmela Mifsud née Degabriele, born at Tal-Pietà, Malta, and who ceased to appear without any news of him having been received.

Whosoever has any news of the existence of the above mentioned Joseph Mifsud is required to communicate with the Registrar of The Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) for the information of the said Court, within one month from the day of the publication of this edict in the Government Gazette.

By order of the above mentioned Court.

ROSE MARIE BUTTIGIEG
Deputy Registrary, for the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603